

Brussell, 5 ta' Lulju 2021  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0172(NLE)

---

---

10162/21  
ADD 1

ECOFIN 647  
CADREFIN 342  
UEM 182  
FIN 523

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNES tal-Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, kif rivedut u maqbul mill-Grupp ta' Ffidma tal-Kunsillieri Finanzjarji, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021) 351.

## TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

### 1. Deskrizzjoni ta' Riformi u Investimenti

#### A. KOMPONENT 1: Rinnovazzjoni tal-bini

Skont il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħha u sabiex tilħaq it-tnaqqis ta' 20 % fil-konsum tal-enerġija sal-2030 (meta mqabbel mal-2012, li huwa l-objettiv nazzjonali stabbilit għall-2030), Franza teħtieġ li tinvesti annwalment minn EUR 15-il biljun sa EUR 25 biljun addizzjonali sal-2030 sar-rinnovazzjoni tal-bini, billi żżid kemm ir-rata kif ukoll l-intensità tar-rinnovazzjoni.

Dan il-komponent tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonċerna investimenti u riformi li għandhom l-għan li jtejbju l-effiċjenza enerġetika tat-tipi kollha ta' bini: bini pubbliku u bini privat, inkluż akkomodazzjoni privata u soċjali kif ukoll bini li jappartjeni għal kumpaniji. Ir-riformi li jappoġġaw l-investimenti jikkonsistu (i) fil-komplementar tar-riforma tal-politika tad-djar mibdija mil-Liġi "ELAN"<sup>1</sup> adottata fl-2018 sabiex tiżied l-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz tar-reviżjoni ta' tliet skemi eżistenti (APL, Pinel u PTZ<sup>2</sup>) u (ii) l-adozzjoni ta' regolament termali rivedut ta' bini għdid (RE2020).

L-investimenti taħt dan il-komponent huma essenzjali biex jintlaħaq l-objettiv tal-effiċjenza enerġetika, billi l-istokk tal-bini jirrappreżenta madwar 25 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fi Franza u 45 % tal-konsum finali tal-enerġija.

Dawn l-investimenti u r-riformi għandhom jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lil Franza fl-aħħar sentejn, dwar il-hteġa li "l-politika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq [...] l-effiċjenza fl-enerġija" (Country Specific Recommendations, CSR 3, 2019) u li "l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq [...] il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti" (CSR 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

#### **A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

##### Riforma 1 (C1.R1): Politika tad-djar

Il-miżura tinkludi żewġ objettivi distinti li għandhom jiġu implimentati f'żewġ stadji.

<sup>1</sup> Il-liġi ELAN tfisser "loi pour l'évolution du logement, de l'aménagement et du numérique".

<sup>2</sup> APL: aides personnelles au logements, jiġifieri benefiċċju għall-akkomodazzjoni għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx; Skema Pinel: tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtju għall-investimenti tal-kiri; PTZ: prêt à taux zero, jiġifieri self b'rata zero.

Ir-reviżjoni tal-modalitajiet tal-kalkolu għall-APL (“aides personnelles au logement”): l-ammont ta’ għajjnuna għandu jiġi kkalkulat, mill-1 ta’ Jannar 2021 ’il quddiem, fuq il-bażi tal-introjtu kurrenti tal-unità domestika benefiċjarja, minflok l-introjtu tas-sena ta’ qabel tal-aħħar. Reviżjoni bħal din għandha tippermetti lis-sistema tadatta aktar malajr għall-varjazzjonijiet fid-dħul tal-benefiċjarji, bil-ħsieb li ttejjeb il-ġustizzja soċjali. Barra minn hekk, l-ammont ta’ għajjnuna għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid kull tliet xhur, li jippermetti li jitqiesu b’mod gradwali l-bidliet riċenti fid-dħul.

L-iskema Pinel hija skema ta’ kreditu tat-taxxa fuq id-dħul għas-sidien li jinvestu f’abitazzjonijiet ġodda jew riabilitati bil-ħsieb li jikruhom. Id-deċiżjoni jenħtieġ li tittieħed fl-2023 biex tintemm l-iskema Pinel sa tmiem l-2024 — l-iskema Pinel aktar tard tiġi sostitwita b’dispożizzjonijiet ġodda biex jitrawmu akkomodazzjonijiet ta’ medda medja ffinanzjati minn investituri istituzzjonali sabiex jittejjeb l-impatt tagħha fuq il-provvista tad-djar fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar, pereżempju billi jitnaqqsu l-inċentivi għal kostruzzjonijiet ġodda f’oqsma fejn is-suq tad-djar mhuwiex taħt pressjoni. Dan għandu jiġi kkumplimentat b’bidliet fil-mod kif jiġi pprovdut l-hekk imsejjaħ self b’rata żero (“PTZ”), b’mod partikolari l-eliġibbiltà tal-applikanti għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-introjtu attwali sabiex jiġu limitati l-effetti mhux mistennija li jeżistu bħalissa.

## Riforma 2 (C1.R2): Regolament termali rivedut RE2020

Fl-1 ta’ Jannar 2022, ir-regolament termali rivedut ta’ bini ġdid għandu jissostitwixxi r-regolament termali eżistenti tal-bini li daħal fis-seħħ fl-2012. L-għanijiet ewlenin tar-reviżjoni tar-regoli termali għal bini ġdid huma:

- It-titjib tal-moderazzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija kkunsmata: L-introduzzjoni ta’ limiti aktar stretti għal (i) il-ħtieġa bijoklimatika tad-djar (it-tnaqqis tal-limitu massimu b’ 30 % meta mqabbel mar-regolament attwali RT 2012), (ii) il-konsum tal-enerġija primarja mhux rinnovabbli, u (iii) GHG mill-konsum tal-enerġija (4kgCO<sub>2</sub>/m<sup>2</sup>/sena għal dar b’familja waħda, u 14 kgCO<sub>2</sub>/m<sup>2</sup>/sena għall-akkomodazzjoni kollettiva sal-2024 u 6,5 kg wara l-2024).
- It-tnaqqis tal-impatt tal-karbonju ta’ bini ġdid: l-impatt tal-karbonju għandu jkollu iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini, mill-fażi ta’ kostruzzjoni tiegħu sat-twaqquq tiegħu, li jirrappreżenta bejn 60 % u 90 % tal-impatt tal-karbonju tal-bini fuq 50 sena. Kunsiderazzjonijiet bħal dawn għandhom iwasslu għal titjib fl-użu ta’ materjali tal-kostruzzjoni aktar newtrali fil-karbonju, bħall-injam u materjali tal-bini b’bażi bijoloġika (jiġifieri dawk li jaħżnu l-karbonju u jarmu f’it li xejn matul il-produzzjoni tagħhom).
- L-adattament ta’ bini ġdid għat-tibdil fil-klima: ir-Regolament il-ġdid RE2020 għandu (i) iqis it-tkessiħ tal-kostruzzjonijiet fil-kalkolu tal-ħtiġijiet tal-enerġija ta’ bini, (ii) jipprovdni indikatur tal-kumdità tas-sajf ikkalkulat matul id-disinn tal-bini, u (iii) jistabbilixxi limitu massimu għoli ta’ 1250 DH u limitu minimu baxx ta’ 350 DH li minnhom għandhom japplikaw il-penali fil-kalkolu tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.

## Investiment 1 (C1.I1): Rinnovazzjoni tal-enerġija tad-djar privati, inklużi l-passaturi tal-enerġija

Il-pjan Franċiż għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jiffinanzja skema ta’ għotjiet, imsejħa MaPrimeRenov (MPR), li se tiġi allokata lis-sidien sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ xogħlijiet ta’ iżolament, tisħin, ventilazzjoni jew awditjar tal-enerġija għal dar ta’ familja waħda jew appartamenti f’akkomodazzjoni kollettiva. L-MPR kollha ffinanzjati mill-RRP se jiġu

nnotifikati lis-sidien għal proġetti ta' rinnovazzjoni eliġibbli qabel tmiem l-2022. Sabiex jiġu garantiti l-istandards tal-kwalità tax-xogħlijiet issussidjati, ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni jitwettqu minn kumpaniji bit-tikketta RGE (“rikonoxxuti bħala garanti tal-ambjent”).

L-ammont tal-primjum iwarja skont il-materjali eliġibbli, it-tagħmir u x-xogħlijiet imwettqa, sa limitu massimu ta' EUR 20 000 għal perjodu massimu ta' 5 snin.

Minn Ottubru 2020, l-MPR hija miftuħa għas-sidien kollha, irrispettivament mid-dħul tagħhom. Madankollu, l-intensità tal-għajjnuna tvarja skont l-introjtu tal-unitajiet domestiċi (għal unitajiet domestiċi modesti, l-għajjnuna tista' titla' sa 90 % tal-ammont tax-xogħlijiet strati). Barra minn hekk, l-MPR tista' tibbenefika lis-sidien li jkru l-appartament/dar tagħhom lil kerrej.

L-għotja tista' tappoġġa wkoll xogħlijiet imwettqa fiż-żoni komuni ta' kondominju ma' “MPR copropriétés”: din hija għajjnuna ta' darba mħallsa lis-sindakat tal-koproprietarji biex jiġu ffinanzjati x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni globali bi gwadann enerġetiku minimu ta' 35 %. Il-kondominji kollha li jikkonsistu f'mill-inqas 75 % tad-djar (jiġifieri mhux impriżi) huma eliġibbli għal din l-MPR, b'limitu massimu ta' EUR 3 750 għal kull abitazzjoni. Bonus jista' jiġi allokat għal kondominji b'tikketti F jew G (sa EUR 500 għal kull abitazzjoni), kif ukoll għall-kondominji kkwalifikati bħala “fraġli” jew li jinsabu f'żoni urbani li qed jiġġeddu (sa EUR 3 000 għal kull abitazzjoni).

Il-livell ta' għajjnuna jvarja skont l-iffrankar tal-enerġija miksub mix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni. Sabiex jiġu appoġġati l-aktar djar li jużaw ħafna enerġija biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet stabbiliti mil-Liġi dwar l-Enerġija u l-Klima adottata fl-2019, bonus addizzjonali għall-MPR għandu jkun ta' benefiċċju għas-sidien li jwettqu xogħlijiet ta' rinnovazzjoni biex jaqilgħu darhom mill-istatus ta' gheribel tal-enerġija (it-tikketti F u G). Bonus ieħor se jitqassam lis-sidien li jwettqu rinnovazzjonijiet li jippermettu lid-dar tilħaq l-aktar tikketti effiċjenti (A jew B). Dawn il-bonusijiet għandhom jilhqqu EUR 1 500 għall-ifqar familji, EUR 1 000 għall-familji bi dħul medju, u EUR 500 għal daww l-aktar sinjuri. Barra minn hekk, sabiex tiġi inċentivata rinnovazzjoni tal-enerġija aktar effiċjenti (jiġifieri lil hinn minn “għest” tar-rinnovazzjoni), il-miżura tipprovdi l-ħolqien ta' għajjnuna globali għar-rinnovazzjoni soġġetta għall-kisba ta' mill-inqas 55 % tal-iffrankar tal-enerġija: il-pakkett għandu jvarja bejn EUR 3 500 u EUR 7 000 għal unitajiet domestiċi bi dħul medju sa għoli.

B'mod ġenerali, ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija mwettqa fid-djar privati għandhom l-għan li jiksbu mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija bħala medja.

## Investment 2 (C1.I2): Rinnovazzjoni tal-enerġija u riabilitazzjoni maġġuri tal-akkomodazzjoni soċjali

Din il-miżura tikkonsisti fis-sussidjar tal-organizzazzjonijiet tal-akkomodazzjoni soċjali (“uffiċċji HLM — Habitation à Loyer modéré” huma ufficijati inkarigati minn akkomodazzjoni bi dħul baxx) u l-awtoritajiet lokali li joperaw akkomodazzjoni soċjali sabiex jappoġġaw rinnovazzjoni profonda tal-bini. L-ambizzjoni hija li jintlaħqu l-ogħla standards bħat-tikketta ta' rinnovazzjoni tal-BBC<sup>3</sup>, u gradwalment jiġu eliminati l-passaturi tal-enerġija. L-għotja għandha tiġi allokata sakemm l-iskemi

---

<sup>3</sup> BBC tfisser “Bâtiment Basse Consommation”, jiġifieri b'konsum massimu ta' enerġija primarja ta' 50 kWh għal kull m<sup>2</sup>.

eżistenti (bħall-EcoPLS u s-CEE<sup>4</sup>), li jistgħu jiġu kkombinati ma' din l-għajnuna ġdida, ma jkunux biżżejjed biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet ta' rinnovazzjoni.

Il-miżura għandha tuża wkoll soluzzjonijiet industrijali għar-rinnovazzjoni tal-enerġija fil-bini tal-akkomodazzjoni soċjali sabiex jinkiseb konsum nett tal-enerġija zero jew pożittiv.

L-ewwel operazzjonijiet huma mistennija li jibdew fl-ewwel trimestru tat-Q2 2021, u l-pakkett finanzjarju għandu jiġi allokat mis-servizzi tal-Istat fil-livelli reġjonali u lokali, fuq il-bażi ta' stħarriġ li jidentifika l-ħtiġijiet. L-għażla tal-proġetti għandha ssir jew permezz ta' sejħa għal proġetti mmedija fl-2020 jew permezz ta' sussidji ġestiti minn servizzi deċentralizzati tal-Istat jew awtoritajiet lokali. L-operazzjonijiet huma maħsuba li jiġu impenjati fl-2021 u l-2022, u li jitlestew sa tmiem l-2024.

### Investiment 3 (C1.I3): Rinnovazzjoni termali ta' bini pubbliku

Ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ta' bini pubbliku għandhom jikkonformaw mad-digriet adottat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Liġi ELAN<sup>5</sup>, li jimponi tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 40 % sal-2030 (meta mqabbel mal-2010) għall-bini terzjarju. Għall-bini pubbliku li jappartjeni għall-Istat, ġew organizzati żewġ tipi ta' sejħiet għal proġetti:

- Waħda li tikkonċerna l-edukazzjoni għolja u l-bini tar-riċerka u l-universitajiet, li tnediet u hija ssorveljata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni Għolja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni;
- Ieħor għall-bini l-ieħor kollu li jappartjeni lill-Istat jew lill-operaturi tiegħu, li ġie varat u ssorveljat prinċipalment mid-DIE (*Direction de l'immobilier de l'Etat*).

L-ewwel żewġ sejħiet għal proġetti tnedew fil-ħarifa tal-2020, u aktar minn 4 000 proġett intgħażlu f'Diċembru 2020.

Għall-bini li jappartjeni għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, hemm fis-seħħ mekkaniżmi speċifiċi:

- Għal bini li huwa proprjetà ta' jew operat minn awtoritajiet reġjonali (prinċipalment skejjel sekondarji), "delegazzjonijiet ta' kreditu" għandhom jiġu allokati mill-Istat, u r-reġjuni għandhom ikunu responsabbli għall-għażla tal-proġetti;
- Għal bini li jappartjeni għal awtoritajiet infrareġjonali<sup>6</sup> (prinċipalment skejjel u kulleġġi primarji), għotjiet ta' investiment għandhom jiġu allokati mill-Istat.

Il-proġetti jintgħażlu fuq il-bażi ta' żewġ kriterji ewlenin: il-maturità (u l-implimentazzjoni rapida) u dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u l-impatt fuq il-konsum tal-enerġija, bil-għan li jinkiseb mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija bħala medja. Għall-binjiet pubbliċi kollha, l-oġettiv huwa li l-kuntratti kollha jiġu nnotifikati sa tmiem l-2021, u jitlestew sa tmiem l-2024.

<sup>4</sup> Éco-PLS: éco-prêt logement social (implimentata fl-2009, din l-iskema ġiet riveduta fl-2019 u tipprovdi self vantaġġuż lis-sidien soċjali biex jirrinovaw l-istokk tal-bini tagħhom). CEE (certificats d'économies d'énergie): l-iskema nħolqot fl-2005, u timponi obbligi ta' ffrankar tal-enerġija fuq il-fornituri tal-enerġija permezz ta' ċertifikati.

<sup>5</sup> Id-Digriet Nru 2019-771 tat-23 ta' Lulju 2019 relatat mal-obbligi li jitnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini għal użu terzjarju

<sup>6</sup>Pereż. muniċipalitajiet, raggruppament ta' muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali oħra bħal "départements".

Investiment 4 (C1.I4): Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' intrapriżi żgħar ħafna (very small enterprises, VSEs) u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

Dan l-investiment huwa parti minn pjan inniedi mill-gvern f'Ġunju 2020 biex jakkumpanja intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fit-tranżizzjoni ekoloġika. Biex jappoġġaw ir-rinnovazzjoni termali tal-bini tagħhom, hemm fis-seħħ żewġ mekkaniżmi ta' appoġġ taħt dan l-investiment:

L-iskema ewlenija ta' appoġġ hija kreditu ta' taxxa li jammonta għal 30 % tal-ispejjeż ta' azzjonijiet eliġibbli (bħall-iżolament ta' soqfa, attiċi, ħitan; ħiter tal-ilma solari kollettiv u pompi tas-sħana<sup>7</sup>), u b'limitu massimu ta' EUR 25 000 għal kull impriża. Din l-iskema hija miftuħa għall-ispejjeż imġarrba mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021. Il-kreditu ta' taxxa huwa impost fuq it-taxxa fuq l-introjt jew it-taxxa korporattiva dovuta mill-kontribwent għas-sena kalendarja li fiha ġġarrbet in-nefqa eliġibbli (jiġifieri l-2020 jew l-2021).

It-tieni skema ta' appoġġ għandha tiffinanzja miżuri ta' akkumpanjament biex tappoġġa lill-artiġjani, lin-negozjanti żgħar u lill-persuni li jaħdmu għal rashom fix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tagħhom. L-envelopp għandu jintefaġ mill-Kmamar tas-Snajja' u l-Artiġjanat (CMA) u l-Kmamar tal-Kummerċ u l-Industrija (Chambers of Commerce and Industry, CCI), f'erba' stadji:

- Għarfien: dan il-pass għandu l-għan li jagħmel il-mexxejja tan-negozju konxji mill-isfidi tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika; din l-azzjoni għandha tinkludi kampanja nazzjonali ta' komunikazzjoni u azzjonijiet lokali, flimkien mal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet professjonali.
- Djanjosi: għandu jitwettaq awditu tal-enerġija minn konsulent mis-CMA jew mis-CCI, sabiex jiġi elaborat pjan ta' azzjoni biex jimbdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, fuq il-bażi tal-maturità ekoloġika ta' kull kumpanija.
- Implimentazzjoni: espert għandu jgħin fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni permezz ta' assistenza teknika u finanzjarja (bħat-twaqqif ta' applikazzjonijiet kbar).
- Il-promozzjoni: l-azzjonijiet meħuda mill-kumpaniji fil-qasam tar-rinnovazzjoni tal-bini għandhom jiġu promossi lil udjenzi differenti, bħall-konsumaturi, il-kumpaniji u l-awtoritajiet lokali.

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

---

<sup>7</sup> Il-lista ta' miżuri eliġibbli għandha tiġi speċifikata f'digriet.

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
1-1	C1.R1 Politika tad-djar	Stadju Importanti	Riforma tal-APL (“aides personnelles au logement”)	Dħul fis-seħħ				Q1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi biex jiġu rieżaminati l-modalitajiet tal-kalkolu tal-APL biex jirriflettu l-introjtu kurrenti tal-unitajiet domestiċi.
1-2	C1.R1 Politika tad-djar	Stadju Importanti	Riforma tal-iskemi Pinel/PTZ	Dħul fis-seħħ				Q1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi fil-kreditu tat-taxxa ta' Pinel biex titjeb l-effiċjenza tiegħu fid-dawl taż-żieda fl-offerta ta' akkomodazzjoni f'oqsma fejn is-suq jinsab taħt pressjoni, u l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi għall-iskema PTZ.
1-3	C1.R2 Regolament termali rivedut RE2020	Stadju Importanti	Reviżjoni tar-regolament termali RE2020	Dħul fis-seħħ				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi inklużi fir-RE2020 il-ġdid sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' kostruzzjonijiet ġodda, tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini ġdid u l-bini l-ġdid jiġi adattat għat-tibdil fil-klima.
1-4	C1.I1 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini privat	Mira	Għadd ta' MPR validati		Għadd	0	400000	Q4	2021	Għadd ta' unitajiet domestiċi li nġataw MPR.
1-5	C1.I1 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini privat	Mira	Għadd ta' MPR validati		Għadd	400000	700000	Q4	2022	Għadd ta' unitajiet domestiċi li nġataw MPR.

1- 6	C1.I2 Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni soċjali	Mira	Għadd ta' abitazzjonijiet fil-kategorija tal-akkomodazzjoni soċjali li jirċievu għotja għar-rinnovazzjoni		Għadd	0	20 000	Q4	2021	Għadd ta' abitazzjonijiet fil-kategorija tal-akkomodazzjoni soċjali li jirċievu għotja għar-rinnovazzjoni, bil-għan li bħala medja jinkiseb iffirankar tal-enerġija ta' mill-inqas 30 %.
1- 7	C1.I2 Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni soċjali	Mira	Għadd ta' abitazzjonijiet fil-kategorija tal-akkomodazzjoni soċjali li jirċievu għotja għar-rinnovazzjoni		Għadd	20000	40000	Q4	2022	Għadd ta' abitazzjonijiet fil-kategorija tal-akkomodazzjoni soċjali li jirċievu għotja għar-rinnovazzjoni, bil-għan li bħala medja jinkiseb iffirankar tal-enerġija ta' mill-inqas 30 %.
1- 8	C1.I3 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku	Mira	Għadd ta' proġetti ta' rinnovazzjoni ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat, li għalihom ġie nnotifikat il-kuntratt tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni		Għadd ta' proġetti	0	2900	Q4	2021	Għadd ta' proġetti ta' rinnovazzjoni ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat, li għalihom ikun ġie nnotifikat mill-inqas kuntratt wieħed ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, bil-għan li jinkiseb mill-inqas 30 % tal-iffirankar tal-enerġija bħala medja.
1- 9	C1.I3 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku	Mira	Għadd ta' binjiet pubbliċi li jappartjenu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li kienu s-suġġett ta' notifikata' sussidju mill-Istat jew mill-Kunsill Reġjonali għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-		Għadd ta' binjiet sussidjati	0	1954	Q2	2022	Għadd ta' binjiet pubbliċi li jappartjenu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali (l-awtoritajiet lokali u reġjonali, inklużi l-muniċipalitajiet u l-gruppi ta' muniċipalitajiet) li kienu s-suġġett ta' notifikata' sussidju mill-Istat jew mill-Kunsill Reġjonali għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija, li bħala medja kisbu mill-inqas 30 % tal-iffirankar tal-enerġija.



			enerġija							
1- 10	C1.I3 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku	Mira	Għadd ta' m <sup>2</sup> ta' sulari ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat fejn ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija jkunu tlestew		Għadd ta' metri kwadri (f' miljun i)	0	20	Q4	2023	Għadd ta' m <sup>2</sup> ta' sulari ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat fejn tkun tlestiet ir-rinnovazzjoni tal-enerġija, bil-għan li bħala medja jinkiseb mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija.
1- 11	C1.I3 Rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini pubbliku	Mira	Għadd ta' m <sup>2</sup> ta' sulari ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat fejn ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija jkunu tlestew		Għadd ta' metri kwadri (f' miljun i)	20	28,75	Q4	2024	Għadd ta' m <sup>2</sup> ta' sulari ta' siti pubbliċi li jappartjenu għall-Istat fejn tkun tlestiet ir-rinnovazzjoni tal-enerġija, bil-għan li bħala medja jinkiseb mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija.
1- 12	C1.I3 Rinnovazzjoni termali ta' bini pubbliku	Mira	Għadd ta' skejjel, kulleġġi jew skejjel sekondarji fejn ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija jkunu tlestew		Għadd	0	681	Q4	2024	Għadd ta' skejjel, kulleġġi jew skejjel sekondarji fejn ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija tlestew, bil-għan li jinkiseb mill-inqas 30 % tal-iffrankar tal-enerġija bħala medja.
1- 13	C1.I4 Rinnovazzjoni tal-enerġija tal-VSEs u l-SMEs	Mira	Għadd ta' kumpaniji li jibbenefikaw mill-kreditu tat-taxxa u l-iskemi ta' appoġġ		Għadd	0	5000	Q4	2023	Għadd ta' kumpaniji li jibbenefikaw mill-kreditu tat-taxxa għar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini VSEs u SMEs ta' użu terzjarju u/jew appoġġ mill-kmamar tal-kummerċ u tal-artiġjanat (CMA) u l-kmamar tal-kummerċ u l-industrija (CCI).

## **B. KOMPONENT 2: Ekoloġija u bijodiversità**

Franza qed tiffaċċja htigġiet sostanzjali ta' investiment biex tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari dwar il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari. Il-qafas legali huwa ġeneralment fis-seħħ għal tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u aktar reżiljenti, iżda Franza teħtieġ li timplimentah, b'mod partikolari billi tappoġġa investimenti li jtejbju l-bijodiversità, inaqqsu t-tniġġis u l-artifċjalizzazzjoni tal-ħamrija, itejbu r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' materjali u rżorsi.

F'dan il-kuntest, l-investimenti ppjanati taħt dan il-Komponent 2 tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jnaqqsu l-impatt ekoloġiku tal-modi attwali ta' produzzjoni u konsum, billi jippreservaw il-bijodiversità, jiddekarbonizzaw il-proċessi tal-produzzjoni industrijali, jżviluppaw l-ekonomija ċirkolari u jaċċelleraw it-tranżizzjoni agrikola. Investimenti bħal dawn huma appoġġati mil-Liġi dwar ir-riforma "Klima u Reżiljenza" bbażata fuq il-Konvenzjoni dwar il-Klima li l-objettiv tagħha huwa li tikkontribwixxi għall-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030. Barra minn hekk, id-digrieti li jimplimentaw il-Liġi dwar l-ekonomija ċirkolari ppromulgati fl-2020 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-2022.

Dan il-komponent huwa prinċipalment relatat mar-rakkomandazzjoni (CSR 3, 2020) dwar l-iffukar tal-investimenti fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, u sa ċertu punt mar-rakkomandazzjoni (CSR 3, 2019) dwar l-effiċjenza enerġetika. Dan il-komponent jikkontribwixxi għall-preservazzjoni ambjentali u l-adattament għall-klima, u b'hekk isahha ir-reżiljenza ekoloġika, soċjali u ekonomika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

#### Riforma 1 (C2.R1): Klima u Liġi dwar ir-Reżiljenza

Il-liġi "Klima u Reżiljenza" għandha tiġi promulgata sal-bidu tal-2022. Xi miżuri li għandhom applikabbiltà diretta għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament wara l-promulgazzjoni, filwaqt li miżuri oħra huma mistennija li jidħlu fis-seħħ b'mod differit, f'perjodu determinat mil-leġislatur. Fuq il-bażi tal-proposti li saru mill-Konvenzjoni taċ-Ċittadini dwar il-Klima, il-Liġi għandha tipprevedi miżuri klimatiċi u ambjentali li għandhom jikkontribwixxu għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030. Il-liġi hija mistennija li tikkontribwixxi biex tiżgura l-kisba ta' bejn nofs u żewġ terzi tal-mod li għandu jiġi kopert bejn l-emissjonijiet fl-2019 u l-mira fl-2030, bis-saħħa ta' tnaqqis stmat bejn 56 u 74 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> b'kollox. Il-liġi għandha tkopri s-sitt elementi li ġejjin, li jkopru l-ambitu sħiħ tal-ekonomija:

- "Konsum": il-liġi għandha tinkludi miżuri biex jinbidlu x-xejriet tal-konsum permezz tal-informazzjoni u l-użu ta' prodotti u servizzi b'intensità inqas qawwija ta' karbonju, u biex jiġu pprovduti inċentivi biex jitnaqqas il-konsum żejjed permezz tar-reklamar.
- "Produzzjoni u xogħol": il-liġi għandha tinkludi miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ta' mudelli ta' produzzjoni industrijali u tal-enerġija lejn soluzzjonijiet b'livell baxx ta'

karbonju, issaħħaħ il-protezzjoni tal-ekosistemi permezz ta' superviżjoni aħjar tal-attivitajiet industrijali, u tantiċipa l-bidliet fil-modi ta' ħidma.

- “Ċaqleq”: il-liġi għandha tinkludi miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-mezzi kollha tat-trasport, permezz ta' inċentivi u appoġġ finanzjarju għas-setturi kkonċernati, kif ukoll billi jiġi definit qafas regolatorju stabbli.
- “Għajxien”: il-liġi għandha tinkludi miżuri biex jimbiddel il-mod kif jitfassal l-ippjanar urban u jimbidlu l-istili tal-ħajja urbana. Għandu jkun fih miżuri biex titħaffef ir-rinnovazzjoni ta' għeriebel termali, kif ukoll miżuri biex titnaqqas bin-nofs ir-rata ta' artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija.
- “Alimentazzjoni”: il-liġi għandha tinkludi miżuri li jappoġġaw l-ekoloġizzazzjoni tal-agrikoltura u l-iżvilupp ta' drawwiet tal-ikel u prattiki agrikoli ġodda, sabiex jitnaqqas l-impatt tagħha fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.
- “It-tiħiħ tal-protezzjoni ġudizzjarja tal-ambjent”: il-liġi għandha tinkludi miżuri għall-prevenzjoni u l-ikkastigar tal-ħsara kkawżata lill-ambjent b'mod aktar sod u effettiv.

Fl-2025, għandu jidħol fis-seħħ digriet ta' implimentazzjoni sabiex jinħolqu żoni b'emissjonijiet baxxi f'agglomerazzjonijiet b'aktar minn 150 000 abitant<sup>8</sup> billi jiġi pprojbit l-aċċess għall-vetturi bi stikers ta' Crit'Air 3, 4 u 5<sup>9</sup>, biex b'hekk titjeb il-kwalità tal-arja fl-ibliet u jingħata kontribut għat-naqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

## Riforma 2 (C2.R2): Il-liġi dwar l-ekonomija ċirkolari

Il-liġi adottata fl-10 ta' Frar 2020, biex tindirizza l-iskart u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari għandha l-għan li tħaddem bidla fil-mudell li tiddefinixxi qafas ekonomiku ġdid li jiffaċilita l-valutazzjoni aktar milli r-rimi tal-iskart, u li joħloq il-kundizzjonijiet għal għbir ta' kważi 100 % tal-iskart riċiklabbli.

Ir-riforma tikkonċerna l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni (“digrieti”) li jirriżultaw mil-Liġi tal-2020, li għandha tidħol fis-seħħ fl-2022:

- Digriet li jistabbilixxi skema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għall-iskart ta' materjali tal-konstruzzjoni u x-xogħlijiet pubbliċi;
- Digriet li jistabbilixxi r-rati minimi ta' inkorporazzjoni ta' materja prima riċiklata fi prodotti speċifiċi qabel l-awtorizzazzjoni biex titqiegħed fis-suq, sabiex jiżjed ir-riċiklaġġ u jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti mil-Liġi (l-Artikolu 61);
- Digriet dwar il-proporzjon tal-imballaġġ użat mill-ġdid li għandu jitqiegħed fis-suq kull sena sabiex jiżjed is-sehem tal-imballaġġ użat mill-ġdid fis-suq meta mqabbel mal-imballaġġ li jintuża darba biss, u għalhekk jiġi limitat l-iskart (l-Artikolu 67 tal-Liġi).

<sup>8</sup>Tmintax-il belt huma kkonċernati, li jirrappreżentaw madwar seba' miljun abitant (aktar fuq l-iskala tal-baċiri tal-iskular)

<sup>9</sup> Cf. [https://www.certificat-air.gouv.fr/docs/tableaux\\_classement.pdf](https://www.certificat-air.gouv.fr/docs/tableaux_classement.pdf)

## Investiment 1 (C2.I1): Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur industrijali, responsabbli għal madwar 21 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi Franza. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tintuża biex tnaqqas il-konsum tal-enerġija tal-kumpaniji industrijali (inklużi l-industriji li jużaw ħafna enerġija) u/jew biex tinvesti bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>.

Il-fondi għandhom jiġu allokati b'żewġ modi:

- L-għotjiet għandhom jiġu pprovduti wara sejħiet għal proġetti mwettqa mill-ADEME (Aġenzija għat-tranżizzjoni ekoloġika), għal proġetti akbar li jirrappreżentaw investiment ta' aktar minn EUR 3 000 000. Dawn il-proġetti għandhom ikopru investimenti fl-effiċjenza enerġetika jew investimenti għat-titjib tal-proċessi industrijali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. Ma hemm l-ebda pakkett predeterminat bejn dawn iż-żewġ tipi ta' proġetti, billi l-għażla għandha ssir skont diversi kriterji inkluż il-prestazzjoni f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-appoġġ mitlub.
- Dawn is-sejħiet għal proġetti huma ssupplimentati b'appoġġ uniku distribwit mill-aġenzija pubblika ASP ("*Agence de Services et de Paiement*") għal proġetti ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija iżgħar u aktar standardizzati (b'ammont ta' investiment ta' inqas minn EUR 3 000 000), fuq il-bażi ta' lista ta' tagħmir eliġibbli definit b'digriet.

It-termini ta' referenza għas-sejħiet li ġejjin għal proġetti għandhom jirrikjedu li l-investimenti li jsiru fl-istallazzjonijiet tas-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (Emission Trading System, ETS) għandhom jippermettu li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> taħt il-parametru referenzjarju inkluż fid-Direttiva ETS<sup>10</sup>, b'mod li jiżgura li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tar-Regolament (UE) 2021/241.

## Investiment 2 (C2.I2): Densifikazzjoni urbana: il-bini sostenibbli

Din il-miżura għandha l-għan li tgħin lill-muniċipalitajiet iżidu d-densità tad-djar, f'żoni affettwati min-nuqqas ta' akkomodazzjoni. L-appoġġ għall-operazzjonijiet ta' akkomodazzjoni densa għandu jgħin biex jillimita t-tixrid urban u jippreserva l-bijodiversità u l-art agrikola. Barra minn hekk, ir-regolament termali l-ġdid RE2020 (cf. ir-Riforma 2 ta' dan il-komponent), li l-għan tiegħu huwa li jnaqqas l-impatt tal-karbonju ta' bini ġdid u li jżid il-prestazzjoni tal-enerġija tiegħu, għandu japplika għal dawn l-operazzjonijiet.

Għandha tiġi allokata għajnuna b'rata fissa lill-awtoritajiet muniċipali, sakemm jiġu ssodisfati diversi kundizzjonijiet: (i) il-konformità mal-obbligi imposti mill-"Att dwar is-Solidarjetà u t-Tiġdid Urban" tal-2000, li permezz tiegħu l-akkomodazzjoni soċjali trid tirrappreżenta 20 % tal-

---

<sup>10</sup>Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjali rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjali stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet u installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

istokk residenzjali; (ii) il-programm ta' kostruzzjoni għandu jinkludi mill-inqas żewġ abitazzjonijiet li jaqbużu ċerti limiti ta' densità u soġġett għal awtorizzazzjoni urbana preċedenti.

Il-limiti tad-densità, espressi f'metri kwadri ta' żoni tal-art mibnija għal kull metru kwadru ta' erja tal-art, jirriżultaw minn analiżi trasversali li tikkombina kriterji tal-popolazzjoni (daqqs u densità fil-muniċipalitajiet jew raggruppament ta' muniċipalitajiet) u t-tipoloġija tal-istokk tad-djar (bħad-densità mibnija, il-postijiet tax-xogħol battala, il-proporzjon tal-akkomodazzjoni soċjali u t-tieni dar u d-daqqs medju tal-unità domestika).

### Investiment 3 (C2.I3): Densifikazzjoni urbana: siti abbandunati

Din il-miżura għandha l-għan li tirriabilita u tirriċikla siti abbandunati u ta' art skartata li jirrappreżentaw sors sinifikanti ta' artijiet, sabiex tikkontribwixxi għat-trajettorja tal-“artifċjalizzazzjoni netta zero” sal-2050 stabbilita mill-gvern Franċiż, bl-oġġettivi li tikkontrolla l-espansjoni urbana u tappoġġa r-rivitalizzazzjoni urbana u konsegwentement, tillimita l-konsum ta' żoni naturali.

Il-benefiċjarji tal-“fond abbandunati” iridu jkunu s-sidien tas-siti: dawn jistgħu jkunu muniċipalitajiet, istituzzjonijiet pubbliċi lokali maħtura mill-awtoritajiet lokali, operaturi pubbliċi tal-Istat, kumpaniji lokali pubbliċi bħal SEM (“sociétés d'économie mixte”), sidien soċjali, jew kumpaniji privati bil-qbil tal-awtorità kompetenti dwar l-ippjanar urban.

Il-proġetti jintgħażlu mill-Istat permezz ta' sejħiet reġjonali għall-offerti, bl-għajjnuna ta' servizzi tekniċi (kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali). Ladarba jintgħażel, għandu jiġi ffirmat ftehim ta' għotja bejn l-Istat u l-benefiċjarju.

Żewġ kategoriji ta' proġetti jistgħu jiġu appoġġati mill-fond abbandunati:

- Riċiklaġġ ta' siti abbandunati: industrijali (mingħajr operazzjonijiet ta' dekontaminazzjoni), kummerċjali, ta' artijiet abbandunati amministrattivi, qodma degradati, fil-qafas ta' tiġdid urban jew riallokazzjoni ta' attivitajiet produttivi;
- Riċiklaġġ ta' art urbanizzata: ir-rikwalifikazzjoni ta' blokkoq qodma għall-akkomodazzjoni u l-kummerċ, ir-rivitalizzazzjoni jew it-trasformazzjoni ta' żoni ekonomiċi fid-daħla tal-bliet, ir-riabilitazzjoni jew id-diversifikazzjoni ta' żoni residenzjali, ir-rinnovazzjoni tal-ħwienet.

Barra minn hekk, għandu jiġi ddedikat pakkett għall-iżvilupp ta' għodod ta' għarfien dwar l-art sabiex jiġu appoġġati l-awtoritajiet lokali fl-inventarju tal-artijiet skartati u fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ.

### Investiment 4 (C2.I4): Il-bijodiversità

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa lill-awtoritajiet lokali, lill-assoċjazzjonijiet u lill-awtoritajiet oħra li jiġġestixxu ż-żoni naturali biex jinvestu fi proġetti ta' protezzjoni u restawr tal-bijodiversità, fejn l-ekosistemi jkunu fil-periklu. Żewġ tipi ta' miżuri għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Pjan Franċiż għall-Irkupru u r-Reżiljenza:

- Ir-restawr ekoloġiku għandu jkun appoġġat minn erba' tipi ta' investimenti:

- Is-sitt Aġenziji tal-Ilma għandhom jimplimentaw proġetti mmirati lejn il-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma, ir-restawr tal-bijodiversità u l-kontinwità ekoloġika tal-ambjenti akkwatiċi, iż-żamma tal-ekosistemi; il-fondi għandhom jiġu allokati jew permezz ta' sejħiet għal proġetti jew b'loġika ta' punt uniku ta' servizz, f'qafas ivalidat mill-Bord tad-Diretturi tal-Aġenzija u b'applikazzjoni tal-ftehim iffirmat mal-Ministeru tat-Tranżizzjoni Ekoloġika.
- Kontinwità ekoloġika għall-ħut (slelem tal-ħut) fid-digi Rhin u Markholsteim fuq ix-Xmara Renu. Dan l-investment huwa proġett ta' inġinerija u infrastruttura li għandu jiġi implimentat fi sħubija ma' EDF ("Electricité de France", l-operatur preeżistenti Franċiż tal-elettriku), awtoritajiet lokali, esperti nazzjonali, l-aġenzija tal-ilma Rhine-Meuse u l-Uffiċċju Franċiż għall-Bijodiversità. Huwa proġett ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li jmissu mar-Renu.
- L-Uffiċċju Franċiż għall-Bijodiversità (OFB) għandu jamministra diversi tipi ta' proġetti: atlas tal-bijodiversità fil-livelli muniċipali, azzjonijiet favur il-preservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità implimentati mill-"mexxejja tal-proġetti" magħżula wara sejħiet għall-offerti.
- L-Istat għandu jmexxi azzjonijiet għar-restawr ekoloġiku fi Franza metropolitana u fid-DOM ("Départements d'Outre Mer"). Il-proġetti għandhom jintgħażlu jew permezz ta' sejħiet għal proġetti jew b'loġika ta' punt uniku ta' servizz fil-qafas stabbilit mill-Ministeru tat-Tranżizzjoni Ekoloġika.
- Appoġġ għal żoni protetti:
  - L-Istat għandu jisperimenta azzjonijiet għal żoni protetti fi Franza metropolitana u fid-DOM. Il-proġetti għandhom jintgħażlu jew permezz ta' sejħiet għal proġetti jew b'loġika ta' punt uniku ta' servizz fil-qafas stabbilit mill-Ministeru tat-Tranżizzjoni Ekoloġika.
  - L-Uffiċċju Franċiż għall-Bijodiversità (OFB) għandu jappoġġa żoni protetti fparks marittimi naturali.
  - Il-11-il park nazzjonali fi Franza għandhom jinvestu fil-preservazzjoni tal-wirt naturali, kulturali u tal-pajsaġġ, l-iżvilupp tal-għarfien dwar il-bijodiversità u l-edukazzjoni dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli.

FI-2021 u l-2022, il-proġetti fl-oqsma tar-restawr ekoloġiku u ż-żoni protetti għandhom jiġu identifikati jew permezz ta' sejħiet għall-offerti organizzati mill-operaturi (bħal aġenziji tal-ilma, OFC, eċċ.), u l-ewwel impenji għandhom jibdew qabel il-31 ta' Diċembru 2021. Mill-inqas 700 proġett f'dan il-komponent għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2023.

#### Investiment 5 (C2.I5): Prevenzjoni ta' riskji sismiċi fid-DOM (Antilles)

Din il-miżura għandha l-għan li twettaq xogħlijiet ta' rinforz reżistenti għat-terremoti ta' bini pubbliku ta' prijorità fl-"Antilles" (pereż. Martinique u Guadeloupe), filwaqt li tqis ir-reżiljenza għaċ-ċikluni wkoll. Hemm tliet tipi ta' binjiet pubbliċi fil-mira:

- Bini, prefeturi u sottoprefeturi għall-ġestjoni tal-kriżijiet;

- Sptarjiet prijoritarji;
- Skejjel, skejjel sekondarji u kulleġġi.

L-għażla tal-bini ssir mill-Istat wara s-sottomissjoni tal-fajls tal-applikazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. L-impenn legali għandu jiġi ffinalizzat sal-31 ta' Diċembru 2021, u x-xogħlijiet għandhom jinbdew sal-31 ta' Diċembru 2023, għal mill-inqas 15-il binja.

#### Investiment 6 (C2.I6): Networks tal-ilma siguri

L-għan ta' din il-miżura huwa li tinkiseb ir-rinnovazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' 450 kilometru ta' networks fi Franza, inkluż id-DOM, sal-31 ta' Diċembru 2022.

Din il-miżura għandha tiffinanzja t-tliet sottomiżuri li ghejjin (l-ewwel tnejn għandhom isiru fi Franza metropolitana, u l-aħħar waħda għandha tikkonċerna biss lid-DOM):

- L-aġenziji tal-ilma għandhom jappoġġaw l-investiment fl-immodernizzar ta' networks ta' distribuzzjoni tal-ilma nadif u tas-sanita'. Huma għandhom jinvestu wkoll fit-titjib tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi u l-iskonnettjar tal-iskariki tal-ilma tax-xita min-networks.
- Investimenti fis-sanitizzazzjoni ta' aktar minn 35 000 tunnellata ta' ħama tad-drenaġġ, sabiex ikun jista' jinfirx.
- Investimenti ta' prijorita' għat-titjib tan-networks tal-ilma u tas-sanita', fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ilma tad-DOM.

Għall-ewwel żewġ sottomiżuri, il-proġetti għandhom jintgħażlu mis-sitt Aġenziji tal-Ilma, jew permezz ta' sejħiet apposta għal proġetti jew b'loġika ta' punt uniku ta' servizz, fil-qafas ivalidat mill-Bord tal-Aġenzija. L-aġenziji għandhom ikunu responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni operattiva tal-proġetti. L-awtoritajiet lokali li qed jiffaċċjaw l-impossibilita' li jxerrdu l-ħama mill-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ għandhom japplikaw lill-Aġenzija li fuqha jiddependu biex jibbenefikaw mill-għajnuna u l-appoġġ finanzjarju.

Fid-DOM, l-allokkazzjoni għandha titqassam bejn id-Direttorati tal-Istat għall-Ambjent, l-Ippjanar u d-Djar (b'mod partikolari għall-istudji preliminari u l-assistenza teknika fi Guadeloupe u Martinique) u l-Uffiċċju Franċiż tal-Bijodiversita' (OFB), li huwa inkarigat mill-finanzjament tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ilma tad-DOM. Il-proġetti għandhom jintgħażlu skont dan il-Pjan.

#### Investiment 7 (C2.I7): Modernizzazzjoni taċ-ċentri tal-għażla

Is-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart huwa objettiv ewlieni tal-Liġi dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tkabbir ekoloġiku (LTECV) adottata fl-2015, li għandha l-għan li tnaqqas l-ammont ta' skart tal-mizblat b'50 % sal-2025.

Din il-miżura tindirizza l-isfidi tas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tat-tipi kollha ta' skart, b'mod partikolari l-iskart domestiku kif ukoll l-iskart tal-isptarijiet. L-għajnuna għall-investimenti għandha tiġi allokata għal:

- L-appoġġ għar-riċiklaġġ tal-iskart, permezz ta' għajjnuna għall-investiment lill-awtoritajiet lokali jew kwalunkwe istituzzjoni miftuħa għall-pubbliku, sabiex jiġu mmodernizzati ċ-ċentri tas-separazzjoni (dawk pubbliċi u privati) u jintużaw installazzjonijiet selettivi ta' separazzjoni f'żoni pubbliċi;
- L-akkwist ta' tagħmir biex jitħaffef is-separazzjoni fis-sors, il-ġbir u l-valorizzazzjoni tal-bijoskart u tal-iskart domestiku (pereż. f'bijogass rinnovabbli jew f'fertilizzant ta' kwalità) filwaqt li jiġi żgurat li dan ma jrawwimx impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku;
- It-titjib tat-trattament tal-iskart ta' riskju infettiv fl-isptarijiet bis-saħħa ta' "trivjalizzaturi".

Din il-miżura għandha tiġi implimentata permezz ta' sejħiet għal proġetti jew tieqa ta' finanzjament stabbilita mill-ADEME (Aġenzija għat-tranżizzjoni ekoloġika). L-għan huwa li tinkiseb il-modernizzazzjoni ta' 32 ċentru tal-għażla sal-2026. L-investimenti l-oħra għall-bijoskart/skart domestiku, u t-trattament tal-iskart mill-isptarijiet, għadhom mhumiex kwantifikati.

L-investimenti għandhom jiġu impenjati fl-2021 u l-2022, u għandhom jitlestew sa tmiem l-2024.

### Investiment 8 (C2.I8): Riċiklaġġ u użu mill-ġdid

Din il-miżura għandha t-tliet objettivi li ġejjin: (i) jappoġġaw it-tnaqqis fl-użu tal-plastik (speċjalment dak li jintuża darba biss), (ii) jippromwovu l-inkorporazzjoni tal-plastik riċiklat u (iii) jaċċelleraw l-iżvilupp tat-tiswija u l-użu mill-ġdid (tal-plastik), f'konformità mal-Liġi kontra l-iskart għal ekonomija ċirkolari adottata fl-2020.

Għandhom jiġu appoġġati żewġ tipi ta' interventi:

- Appoġġ għall-użu mill-ġdid jew it-tiswija ta' prodotti tal-plastik jew mhux tal-plastik u attivitajiet biex jitnaqqas l-imballaġġ tal-plastik:
  - L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ ("riċiklaturi");
  - L-appoġġ lin-negozji sabiex jissostitwixxu l-imballaġġ tal-plastik (inkluż is-settur tal-imballaġġ innifsu);
  - L-industrijalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' imballaġġ li jistgħu jergħu jintużaw u li jistgħu jiġu riċiklati;
  - L-akkwist ta' soluzzjonijiet alternattivi għall-użu tal-plastik (b'mod partikolari dak li jintuża darba biss) jew l-adattament għall-użu tiegħu (tagħmir tal-ħasil, adattament tal-għodod tal-produzzjoni), pereżempju fil-catering kollettiv;
  - Esperimentazzjoni ta' proġetti pilota f'soluzzjonijiet alternattivi għall-plastik li jintuża darba biss.
- Appoġġ għar-riċiklaġġ tal-plastik:
  - Studji u testijiet tal-fattibbiltà għat-tħejjija, ir-riċiklaġġ jew l-inkorporazzjoni ta' plastik riċiklat, b'mod partikolari għal impriżi li għadhom ma jintegrawhx;
  - Investimenti fl-adattament ta' tagħmir tan-negozji biex iħejju, jirriċiklaw jew jintegraw aktar plastik riċiklat fil-proċess tagħhom;



- Ghajjnuna għall-provvista ta' materjal tal-plastik riċiklat permezz ta' finanzjament dirett lill-kumpaniji tal-proċessuri tal-plastik sabiex tiġi appoġġata d-domanda.

L-ghajjnuna għandha tiġi ġestita mill-Aġenzija għat-tranżizzjoni ekoloġika (ADEME) permezz tal-“fond tal-ekonomija ċirkolari” u d-“dekarbonizzazzjoni tal-fond tal-industrija” għal miżuri relatati mal-appoġġ għall-inkorporazzjoni tal-plastik riċiklat fil-proċessi tan-negozji, u l-proġetti appoġġati għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħiet għal proġetti jew mit-tieqa ta' finanzjament korrispondenti tal-ADEME. Il-miżura għandha tippermetti li tiġi evitata l-produzzjoni ta' 275 000 tunnellata ta' plastik b'mod kumulattiv.

Dawn l-investimenti għandhom ikunu impenjati sal-31 ta' Diċembru 2022 u għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2024.

### Investiment 9 (C2.I9): Pjan tal-proteini tal-pjanti

Din il-miżura hija parti minn pjan ġenerali dwar il-proteini tal-pjanti, li għandu l-għan li jnaqqas id-dipendenza tal-agrikoltura fuq l-inputs (għalf tal-animali, fertilizzanti tan-nitroġenu) importati minn pajjiżi terzi. Huwa jipprovdi appoġġ għall-investiment lill-azjendi agrikoli u lill-istrutturi downstream għall-bini tal-kapaċità tal-produzzjoni u tal-ipproċessar, filwaqt li jsaħħaħ u jrawwem ktajjen tal-provvista agrikoli ġodda ddedikati għall-proteini tal-pjanti.

Il-miżura għandha tipprovdi appoġġ ta' investiment għal:

- Tagħmir f'azjendi agrikoli li fihom ħafna proteini;
- ir-ristrutturar tal-katina tal-provvista tal-proteini tal-pjanti, inklużi l-investimenti fil-kumpaniji tal-ġbir u tal-ipproċessar tal-proteini tal-pjanti (bħal sajljos, unitajiet tal-ħżin, unitajiet tal-ippressar taż-żerriegħa, nixxiefa tax-xnien u triers ottiċi).

F'Jannar 2021, FranceAgriMer, l-aġenzija tal-pagamenti nazzjonali għas-setturi tal-agrikoltura u s-sajd, nediet l-ewwel sejħiet għal proġetti. Sal-31 ta' Diċembru 2022, l-aħħar impenji finanzjarji għandhom isiru għal mill-inqas 1 200 proġett.

### Investiment 10 (C2.I10): Foresti

Is-settur Franċiż tal-foresti u l-injam jagħmilha possibbli li jiġu kkompensati madwar 20 % tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> Franċiżi permezz tal-ħżin tal-karbonju fil-foresti, fil-prodotti tal-injam u bis-sostituzzjoni tal-fjuwils fossili u ta' materjali aktar intensivi fl-enerġija. It-tibdil fil-klima, madankollu, jaffettwa l-popolazzjonijiet forestali fi Franza li saru degradati jew vulnerabbli għall-pesti, in-nixfiet u n-nirien. Sabiex jiġu ppreservati d-diversi servizzi ambjentali pprovduti mill-foresti, jiġu żgurati d-diversità u s-sostenibbiltà tagħhom u jiġu ggarantiti l-provvisti għall-industrija Franċiża bbażata fuq il-foresti, din il-miżura għandha l-għan li timmobilizza l-finanzjament għas-sidien tal-foresti pubbliċi u privati biex jieħdu ġestjoni sostenibbli dinamika tal-foresti.

Tliet tipi ta' interventi huma koperti:

- It-titjib tal-foresti ta' kwalità ekonomika u ambjentali baxxa;
- Ir-restawr tal-foresti affettwati serjament jew meqruda mill-ħanfus tas-siġar fi Franza tal-Lvant (prinċipalment fir-reġjuni Grand-Est u Bourgogne-Franche-Comté);

- L-adattament ta' stands forestali li huma vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

Il-miżura għandha l-għan li tkopri mill-inqas 30 000 ettaru sa tmiem l-ewwel kwart tal-2023. Mid-19 ta' Frar 2021, l-applikazzjonijiet għall-ghajjuna jistgħu jiġu ppreżentati. Il-ħlasijiet għandhom isiru sal-31 ta' Diċembru 2024.

**B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
2-1	C2.R1 Il-liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza	Stadju importanti	Il-liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza	Promulgazzjoni tal-Liġi u dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet b'applikabbiltà diretta				Q2	2022	Il-promulgazzjoni tal-Liġi u d-dħul fis-seħħ ta' dawk id-dispożizzjonijiet fil-liġi li għandhom applikabbiltà diretta sabiex jittrasponu fil-liġi għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ċittadini dwar il-Klima dwar is-sitt suġġetti li ġejjin: konsum, produzzjoni u xogħol, ċaqliq, għajxien, alimentazzjoni u tisħiħ tal-protezzjoni għudizzjarja tal-ambjent.
2-2	C2.R1 Il-liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza	Stadju importanti	Il-liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza - Att ta' Implimentazzjoni	Dħul fis-seħħ				Q4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' digriet li joħloq żoni b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra fi bliet ta' aktar minn 150 000 abitant.
2-3	C2.R2 Il-liġi dwar l-ekonomija ċirkolari	Stadju importanti	Digriet li jimplimentaw il-Liġi kontra l-iskart u l-ekonomija ċirkolari	Dħul fis-seħħ				Q1	2022	Dħul fis-seħħ tad-digriet u d-deċizzjonijiet li ġejjin:  Deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' industrija tal-iskart tal-bini u tal-materjal tal-bini fl-1 ta' Jannar 2022  Digriet għar-rati minimi ta' inkorporazzjoni ta' materja prima riċklata (l-Artikolu 61 tal-Liġi AGECE)  Digriet dwar il-proporzjon tal-imballaġġ użat mill-ġdid li għandu jittqiegħed fis-suq (l-Artikolu 67 tal-Liġi tal-AGECE)
2-4	C2.I1	Mira	Emissjonijiet ta'		MtCO <sub>2</sub> eq	0	3,5	Q2	2021	Emissjonijiet ta' GHG evitati matul il-ħajja

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija		gassijiet serra evitati		(Miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )					tal-proġett, kif ikkalkulati b'paragun massiwazzjoni ta' "qabel l-investment", u definiti mill-operatur fit-tweġiba għas-sejħa għall-offerti, bl-objettiv li l-investimenti li jsiru fl-istallazzjonijiet tal-ETS għandhom jippermettu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub> taħt il-parametru referenzjali inkluż fid-Direttiva ETS.
2-5	C2.I1 Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija	Mira	Emissjonijiet ta' gassijiet serra evitati		MtCO <sub>2</sub> eq (miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO <sub>2</sub> )	3,5	5	Q4	2022	Emissjonijiet ta' GHG evitati matul il-ħajja tal-proġett, kif ikkalkulati b'paragun massiwazzjoni ta' "qabel l-investment", u definiti mill-operatur fit-tweġiba għas-sejħa għall-offerti, bl-objettiv li l-investimenti li jsiru fl-istallazzjonijiet tal-ETS għandhom jippermettu li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub> taħt il-parametru referenzjali inkluż fid-Direttiva ETS.
2-6	C2.I2 Densifikazzjoni urbana: il-bini sostenibbli	Mira	Għadd ta' muniċipalitajiet li jibbenefikaw mill-għajnuna		Numru	0	1200	Q4	2021	Għadd ta' muniċipalitajiet li jibbenefikaw mill-għajnuna għall-kostruzzjoni sostenibbli f'żoni urbani taħt pressjoni.
2-7	C2.I3 Densifikazzjoni urbana: siti abbandunati	Mira	Għadd ta' proġetti li għalihom ġiet iffirmata għotja għall-operazzjoni ta' riċiklaġġ ta'		Għadd	0	90	Q1	2022	Għadd ta' proġetti li għalihom ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja, jew għal operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' art skartata, jew għal operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' art urbanizzata.

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			skart jew ta' żona urbanizzata							
2-8	C2.I3 Densifikazzjoni urbana: żona abbandunata	Mira	Għadd ta' proġetti li għalihom ġiet iffirmata għotja għall-operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' skart jew ta' żona urbanizzata		Għadd	90	200	Q1	2023	Għadd ta' proġetti li għalihom ġie ffirmat il-ftehim ta' għotja, jew għal operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' art skartata, jew għal operazzjoni ta' riċiklaġġ ta' art urbanizzata.
2-9	C2.I4 Il-bijodiversità	Mira	Għadd ta' proġetti appoġġati fl-oqsma tar-restawr ekoloġiku u ż-żoni protetti		Għadd	0	700	Q4	2022	Għadd ta' proġetti relatati mar-restawr ekoloġiku, u l-preservazzjoni tal-bijodiversità f'żoni protetti.
2-10	C2.I5 Prevenzjoni ta' riskji sismiċi fid-DOM	Mira	Għadd ta' binjiet ikkonċernati - riskji sismiċi fid-DOM		Għadd	0	15	Q4	2023	Għadd ta' binjiet pubbliċi (bħal bini għall-ġestjoni tal-kriżijiet, jew prefetturi u sottoprefetturi, jew sptarijiet ta' prijorità, jew skejjel, skejjel sekondarji u kulleġġi) fid-DOM fejn inbdew xogħlijiet antisiżmiċi.
2-11	C2.I6 Networks tal-ilma siguri	Mira	Għadd ta' km lineari ta' networks tal-ilma tax-xorb u networks tas-		Km	0	450	Q4	2022	Għadd ta' kilometri ta' networks tal-ilma tax-xorb jew ta' networks tas-sanità li għalihom inbdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni.

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			sanità appoġġati							
2-12	C2.I7 Modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' tqassim	Mira	Għadd ta' kuntratti ffirmati għall-immodernizzar taċ-ċentri ta' tqassim		Għadd	0	32	Q4	2022	Għadd ta' kuntratti ffirmati għall-modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' tqassim.
2-13	C2.I7 Modernizzazzjoni taċ-ċentri ta' tqassim	Stadju importanti	Investiment fis-separazzjoni u l-ġbir tal-iskart, u fit-trattament tal-iskart mediku	Komunikazzjoni tal-lista ta' benefiċjarji				Q4	2022	Finalizzazzjoni tas-sejħa għal proposti u skemi ta' appoġġ u għażla ta' riċevituri għall-iskemi li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>li jiġu appoġġati l-investimenti fis-separazzjoni u l-ġbir tal-iskart away-from home (AFH);</li> <li>l-appoġġ għas-separazzjoni, il-ġbir u l-irkupru tal-bijoskart;</li> <li>biex tappoġġa investimenti għal tagħmir għad-diżinfettar ta' skart mediku infettiv.</li> </ul>
2-14	C2.I7 Modernizzazzjoni taċ-ċentri tal-għażla	Mira	Għadd ta' ċentri ta' tqassim modernizzati		Għadd	0	32	Q4	2025	Għadd ta' ċentri tal-għażla pubbliċi u privati eżistenti li lestew ix-xogħlijiet ta' modernizzazzjoni tagħhom.
2-15	C2.I8 Riċiklaġġ u użu mill-ġdid	Mira	Kwantità ta' materjali tal-plastik evitati		Tunnellata	0	275000	Q4	2025	Kwantità effettiva kumulattiva ta' materjali tal-plastik evitati, permezz tar-riċiklaġġ jew l-integrazzjoni fil-proċessi industrijali.

Numru sekwenzjali	Miżura	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
2-16	C2.I9 Pjan tal-proteini tal-pjanti	Mira	Għadd ta' proġetti li għandhom jirċievu fondi mill-“pjan dwar il-proteini” sabiex jinvestu fil-produzzjoni tal-pjanti tal-proteini		Għadd	0	1200	Q1	2022	Għadd ta' proġetti li għandhom jirċievu fondi mill-“pjan dwar il-proteini” sabiex jinvestu fil-produzzjoni tal-pjanti tal-proteini, wara l-għażla mis-sejħiet għall-offerti.
2-17	C2.I10 Foresti	Mira	Erja tas-superfċje tal-foresti li għalihom inġhatat għotja sabiex tittejjeb, tiġi adattata, riġenerata jew rikostitwita l-foresta		Ettaru	0	30000	Q1	2023	L-erja tas-superfċje tal-foresti li għalihom inġhatat għotja sabiex tittejjeb, tiġi adattata, riġenerata jew rikostitwita l-foresta.

### **C. KOMPONENT 3: Infrastruttura u mobilità ekoloġika**

Is-settur tat-trasport huwa wieħed mill-emittenti ewlenin tas-CO<sub>2</sub> fi Franza, u jammonta għal 38 % tal-emissjonijiet totali fl-2017. It-trasport bit-triq huwa responsabbli għal 96 % ta' dawn l-emissjonijiet, li aktar minn nofshom jiġu minn vetturi privati. L-infrastrutturi tat-trasport għandhom rwol ewleni fl-implimentazzjoni effettiva tat-tranżizzjoni ekoloġika. Huwa permezz tal-manutenzjoni u l-iżvilupp tagħhom li alternattivi ekoloġiċi għall-prattiki li jarmu l-karbonju jistgħu jkunu disponibbli għall-utenti. Il-miżuri taħt dan il-komponent tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza jiffukaw fuq l-iżvilupp tat-trasport pubbliku (metro, tramm, karozza tal-linja) u rinnovazzjoni u tiġib tan-network ferrovjarju nazzjonali għall-passiġġieri u l-merkanzija. Il-komponent jinkludi wkoll miżuri biex tiġġedded il-flotta amministrattiva ta' karożżi b'vetturi elettriċi jew ibridi, biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-portijiet u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika fiż-żoni rurali.

Il-komponent ikopri wkoll żewġ riformi relatati mal-mobilità u l-ibbaġitjar ekoloġiku biex tiżdied it-trasparenza dwar l-impatt ambjentali tal-baġit nazzjonali.

Dawn l-investimenti u r-riformi jikkontribwixxu biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Franza f'dawn l-aħħar sentejn, dwar il-hteġa li "l-politika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq [...] l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-interkonnessjonijiet mal-bqija tal-Unjoni" (RSP 3, 2019) u li "tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri li jappoġġaw il-likwidità tad-ditti, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. [...] L-investment jiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika [...], b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, l-infrastrutturi tal-enerġija kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni." (CSR 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

#### **C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

##### **Riforma 1 (C3.R1): Liġi dwar il-mobilità ("Loi d'Orjentazzjoni des Mobilités")**

Il-liġi dwar il-mobilità għandha l-għan ta' trasformazzjoni profonda tat-trasport u tal-mobilità bl-oġġettivi ta' servizz imtejjeb ta' kuljum, li jissodisfa l-ħteġijiet tal-popolazzjoni kollha u ta' dekarbonizzazzjoni aċċellerata tas-settur. Il-liġi fiha pakkett komprensiv ta' strumenti ta' politika dwar il-governanza, ir-regolamenti u l-pjanijiet ta' investment.

Għadd ta' leġislazzjonijiet sekondarji marbuta mal-liġi tal-Mobbiltà għandhom jiġu implimentati matul il-perjodu ta' żmien tal-RRF. L-ewwel nett, għandu jidħol fis-seħħ digriet li jkopri l-kundizzjonijiet li taħtom il-vjaġġi jistgħu jinvolvu allokazzjonijiet finanzjarji lix-xufiera li jkunu offrew ċar sharing fin-nuqqas ta' passiġġieri. It-tieni, ir-regolamenti għandhom jiġu modifikati biex jippermettu t-trasferiment tal-ġestjoni tan-network ferrovjarju lokali lir-Reġjuni. It-tielet, il-gvern għandu jirrevedi u jaġġorna l-ipprogrammar finanzjarju u operattiv tal-investimenti tal-Istat fl-infrastruttura tat-trasport sal-31 ta' Diċembru 2023, kif previst fil-liġi.



## Riforma 2 (C3.R2): Ibbagitar Ekoloġiku

Il-pubblikazzjoni ta' Baġit Ekoloġiku għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ta' informazzjoni standardizzati u komprensiv immirat lejn il-Parlament u s-soċjetà ċivili dwar l-impatt ambjentali tal-Baġit tal-Istat.

Franza ppubblikat, flimkien mal-liġi baġitarja tagħha tal-2021, metodoloġija baġitarja ekoloġika fejn kull nefqa tal-baġit tal-Istat hija kklassifikata skont l-impatt tagħha fuq kull wieħed mis-sitt objettivi definiti fir-Regolament (UE) Nru 2020/852<sup>11</sup> (ir-“Regolament dwar it-Tassonomija”): il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

Id-dħul huwa kklassifikat bħala taxxa ambjentali skont id-definizzjoni tal-Eurostat “taxxa li l-bażi tagħha hija unità fiżika (jew approssimazzjoni ta' unità fiżika) ta' xi ħaġa li għandha impatt negattiv speċifiku u ppruvat fuq l-ambjent.”<sup>12</sup>

Għall-baġit tal-2022, għandu jiġi ppubblikat baġit ekoloġiku ġdid. Dan għandu jissejjes fuq il-prattiki diġà stabbiliti, u jtejjibhom billi jimplimenta metodoloġija ġdida biex jitqies l-infiq operattiv.

## Investiment 1 (C3.I1): Appoġġ għas-settur ferrovjarju

Biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità tal-karbonju sal-2050, Franza għandha l-għan li żżid l-użu tal-ferroviji bħala alternattiva għat-trasport bit-triq. Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb u timmodernizza n-network ferrovjarju.

L-ewwel parti tal-investiment għandha ssir mill-Aġenzija responsabbli għall-investiment fl-infrastruttura tat-trasport (AFITF). Din l-aġenzija pubblika għandha l-mandat mill-gvern biex tinvesti fi proġetti ta' infrastruttura tat-trasport magħżula minn qabel. Il-miżura għandha tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-linji ferrovjarji lokali mwettqa f'kooperazzjoni mal-Istat u r-reġjuni. Għandu jikkontribwixxi wkoll għar-rinnovazzjoni tal-linji tal-merkanzija u tal-pjattaformi loġistiċi inkorporati. L-investiment se jsir l-aktar fl-2021 u l-2022.

It-tieni parti tal-investiment tintuża għar-rikapitalizzazzjoni tal-kumpanija ferrovjarja nazzjonali Franċiża SNCF. Ir-riżorsi għandhom jiġu ttrasferiti direttament lill-SNCF Réseau, l-operatur tan-network, li jagħmel parti mill-grupp SNCF. L-implimentazzjoni tal-miżura se jkollha bżonn tiddekrivi kif tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza u mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, b'referenza partikolari għas-separazzjoni tal-kontabbiltà sabiex jiġi evitat sussidjar reċiproku bejn l-attivitajiet ekonomiċi u daww mhux ekonomiċi tal-SNCF Réseau. L-investiment użat bejn l-2021 u l-2023 għandu jinqasam fi tliet miżuri.

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13-43

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 691/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej, l-Artikolu 2

L-ewwel miżura għandha l-għan li ttrinnovat n-network ferrovjarju nazzjonali permezz ta' investiment qawwi biex jiġi sostitwiti l-binarij, l-iżbarri tal-qsim u l-ballast. Barra minn hekk, għandhom isiru investimenti biex jinbidlu s-swiċċijiet, il-katenarji u t-tabelli ta' senjalazzjoni.

It-tieni miżura għandha l-għan li ttejjeb is-sigurtà u l-affidabilità tan-network. Għandha tiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp u prodotti u tagħmir biex jissostitwixxu l-glifosat li jkattar il-ħaxix ħażin bi prodotti alternattivi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, il-miżura għandha tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-mini.

It-tielet miżura għandha tiffinanzja r-rinnovazzjoni kompleta tal-linji ferrovjarji lokali (bħal binarij, binarij, ballast u tagħmir ferrovjarju).

#### Investiment 2 (C3.I2): Appoġġ għad-domanda għal vetturi nodfa (pjan tal-karozzi)

Dan l-investiment għandu l-għan li jappoġġa d-domanda għal vetturi nodfa, prinċipalment mid-djar. Il-miżura tinkludi "bonus ekoloġiku" għall-vetturi ħfief biex tappoġġa x-xiri ta' vettura elettrika, tal-idroġenu jew ibrida rikarikabbli b'emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> ta' 50 g/km jew inqas. L-ammont tal-bonus għandu jiddependi mit-tip ta' vettura (elettrika, ibrida plug-in, idroġenu), it-tip ta' benefiċjarju (dar jew negozju) u l-prezz tal-vettura (bonus ogħla għal karozzi orħos).

Il-livell tal-bonus għandu jonqos gradwalment minn Lulju 2021 hekk kif il-kompetittività ta' dawn il-vetturi tiżdied meta mqabbla mal-alternattivi termali tagħhom. Il-miżura tinkludi wkoll l-istess tip ta' bonus għall-vetturi heavy-duty: bonus għax-xiri ta' EUR 50 000 għat-trakkijiet u EUR 30 000 għax-xarabanks u l-kowċis elettriċi jew tal-idroġenu huwa introdott minn Jannar 2021.

#### Investiment 3 (C3.I3): Mobilità ta' kuljum żvilupp tat-trasport pubbliku

Il-miżura għandha l-għan li tiffinanzja l-iżvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja għall-mobilità ta' kuljum f'żoni urbani, biex tiżdied l-attraenza tagħhom. Il-miżura għandha tiffoka fuq ir-reġjuni ta' Ile de France madwar Pariġi, biex issolvi kwistjonijiet rikorrenti ta' konġestjoni. Għandha tipparteċipa wkoll fil-ħolqien ta' linji tal-metro urbani ġodda fi bliet kbar fir-reġjuni. Il-proġetti eliġibbli huma bbażati l-aktar fuq it-trazzjoni elettrika, li għandha tipparteċipa fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport. Il-miżura għandha tappoġġa passi differenti tal-proċedura, minn studji *ex ante* meħtieġa għal xogħlijiet attwali.

Il-miżura għandha b'mod partikolari tikkofinanzja t-titjib tal-linji ferrovjarji urbani (RER E, B u D), l-iskjerament ta' linji tat-tramm (T3, T1) u karozzi tal-linja ta' livell għoli (TZ 2 u 3). Fir-reġjuni, il-miżura għandha tappoġġa l-ħolqien ta' linja tal-metro ġdida f'Toulouse. L-investiment se jsir bejn l-2021 u l-2026.

#### Investiment 4 (C3.I4): Aċċellerazzjoni tal-ħidma fuq l-infrastruttura tat-trasport

L-għan tal-miżura huwa li timmodernizza l-infrastruttura eżistenti tat-trasport biex tadattaha għal mezzi ġodda ta' trasport, ħtiġijiet lokali u tranżizzjoni ekoloġika. Hija għandha tiffaċilita l-integrazzjoni ta' carpooling u vetturi elettriċi bħala alternattiva għall-karozzi privati. Għandha żżid ukoll id-diġitalizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-funzjonament u s-sorveljanza tal-infrastruttura tax-xmajjar biex issir alternattiva kredibbli għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

Il-miżura għandha tiġi implimentata prinċipalment permezz tal-Aġenzija Franċiża għall-Finanzjament tal-Infrastruttura tat-Trasport (AFITF), aġenzija pubblika b'mandat mill-gvern biex tinvesti fi proġetti ta' infrastruttura tat-trasport magħżula minn qabel. L-investiment għandu jikkonċerna diversi proġetti. Għandu jiffinanzja l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar elettriċi ġodda fuq toroq nazzjonali u toroq b'veloċità għolja. Għandha tingħata prijorità lit-trasport pubbliku u l-carpooling bil-bini ta' korsiji riżervati u l-installazzjoni ta' apparati għall-kontroll tagħhom, kif ukoll il-ħolqien ta' żoni b'emissjonijiet baxxi. Ir-rinnovazzjoni tan-networks tax-xmajjar, b'mod partikolari l-imgħalaq u d-digi hija prevista wkoll, flimkien mal-modernizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni diġitali għall-affarijiet marittimi u n-network CROSS (Ċentri Operazzjonali Reġionali għall-Monitoraġġ u s-Salvataġġ).

#### Investiment 5 (C3.I5): Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-Istat

Il-miżura għandha l-għan li ġġedded il-flotta tal-karozzi ta' tliet amministrazzjonijiet: il-pulizija u l-ġendarmerija (il-Ministeru tal-Intern), id-direttorat ġenerali tad-dwana (il-Ministeru tal-Finanzi), u l-amministrazzjoni penitenzjarja (il-Ministeru tal-Ġustizzja). Il-flotot ikkombinati ta' dawn it-tliet korpi jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-vetturi tal-Istat iżda fl-istess ħin juru xjuħija, kilometraġġ għoli, u rata baxxa ta' tiġdid. Il-pjan ta' ekoloġizzazzjoni tal-flotta għall-2021 u l-2022 jagħti prijorità għax-xiri ta' vetturi nodfa (ibridi elettriċi jew plug-in). B'kollox, l-investiment għandu jgħin fix-xiri ta' 3833 vettura nadifa għall-Ministeru tal-Affarijiet Interni, 570 għad-dwana, u 530 għall-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Il-miżura għandha tappoġġa wkoll ix-xiri ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar.

#### Investiment 6 (C3.I6): Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet

Il-portijiet huma assi ewlenin tal-ekonomija Franċiża. Il-miżura għandha tippermetti aktar investiment f'konformità mar-rekwiżit tat-tranżizzjoni klimatika billi tappoġġa l-fjuwil alternattiv u l-bastimenti aktar nodfa. Il-miżura hija maqsuma f'żewġ sottomiżuri. Huwa għandu jiffinanzja l-installazzjoni ta' disa' konnessjonijiet elettriċi ġodda li joffru karburant alternattiv fuq baċiri lill-bastimenti tal-kruċieri bl-użu tan-network tal-baċir ta' Havre-Rouen-Paris, vapuri tal-passiġġieri u bastimenti tal-kontejners li jużaw il-baċiri f'Marsilja u għall-bastimenti tal-kontejners li jużaw il-baċir ta' Pointe des grives fil-port ta' Martinique sal-2023. Barra minn hekk, għandu jiffinanzja bastimenti ġodda b'emissjonijiet aktar baxxi għall-flotta tal-bastimenti tad-dipartiment inkarigat mill-affarijiet marittimi fil-Ministeru tal-Ekoloġija.

#### Investiment 7 (C3.I7): It-tiħiħ tar-reżiljenza tan-networks tal-elettriku u t-tranżizzjoni tal-enerġija fiż-żoni rurali

Din il-miżura għandha l-għan li żżid ir-reżiljenza tan-networks tal-elettriku, b'enfasi fuq iż-żoni rurali. Il-miżura għandha żżid il-kwalità tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku, f'reġjuni fejn l-enerġija rinnovabbli qed tiġi żviluppata l-aktar u l-mobilità elettrika hija sfida ewlenija.

Il-benefiċjarji tal-miżura għandhom ikunu l-awtoritajiet li jorganizzaw id-distribuzzjoni pubblika tal-elettriku<sup>13</sup>.

L-investiment għandu jżid il-linja baġitarja tal-att finanzjarju (loi de finances) iddedikat għall-elettrifikazzjoni rurali. Il-miżura għandha tiffinanzja sottoprogrammi differenti sal-2023.

L-ewwel sottoprogramm għat-“tranżizzjoni tal-enerġija” u l-“iżvilupp ta’ soluzzjonijiet innovattivi” għandu jiffinanzja t-tranżizzjoni tal-enerġija fiż-żoni rurali billi jrawwem l-integrazzjoni tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli man-network, il-faċilitajiet tal-ħżin tal-bini u l-infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku. Għandha wkoll taċċellera l-użu tal-miters intelliġenti.

It-tieni sottoprogramm “inċident klimatiku” għandu jiffinanzja x-xogħlijiet ta’ tiswija għal partijiet tan-network tal-elettriku li jkunu ġarrbu ħsara minn temp estrem.

L-investiment li jifdal għandu jiġi allokat għat-tiġdid ta’ kejbils u installazzjonijiet elettriċi qodma u biex tiżdied is-sikurezza tan-network, li bħalissa hija nieqsa f’żoni rurali.

## **C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

---

<sup>13</sup>“Autorités organisatrices de la distribution publique d’électricité” (AODE) skont l-Artikolu L.322-6 tal-kodiċi tal-enerġija.

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwaliattivghall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
3-1	C3.R1 Liġi dwar il-mobilità	Stadju importanti	L-Artikolu 35.2 tal-Liġi Nru 2019-1428 tat-24 ta' Diċembru 2019 dwar il-mobilità	Dħul fis-seħħ				Q3	2020	Id-dħul fis-seħħ tad-digriet ta' implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Mobilità li jkopri l-kundizzjonijiet li taħtom il-vjaġġi jistgħu jinvolvu allokazzjoni finanzjarja lil sewwieqa li offrew ċar sharing fin-nuqqas ta' passiġġieri (l-Artikolu 35.2 tal-liġi dwar il-mobilità).
3-2	C3.R1 Liġi dwar il-mobilità	Stadju importanti	L-Artikolu 172 tal-Liġi Nru 2019-1428 tat-24 ta' Diċembru 2019 dwar il-mobilità	Dħul fis-seħħ				Q2	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-miżuri biex jiġu adattati r-regoli biex jiġu żgurati trasferimenti ta' ġestjoni lejn ir-reġjuni tan-network ferrovjarju ta' interess lokali, skont l-Artikolu 172 tal-Liġi Nru 2019-1428 tat-24 ta' Diċembru 2019 dwar il-mobilità.
3-3	C3.R1 Liġi dwar il-mobilità	Stadju importanti	L-Artikolu 3 tal-Liġi Nru 2019-1428 tat-24 ta' Diċembru 2019	Stabbiliment tal-aġġornament				Q4	2023	L-istabbiliment tal-aġġornament tal-leġiżlazzjoni riveduta li taġġorna l-ipprogrammar finanzjarju u operattiv tal-investimenti tal-Istat fit-trasport, kif stabbilit fil-Liġi Nru 2019-1428 tat-24 ta' Diċembru 2019 dwar il-mobilità skont l-Artikolu 3 ta' dik il-liġi, qabel it-30 ta' Ġunju 2023.
3-4	C3.R2 Baġit ekoloġiku	Stadju importanti	Baġit ekoloġiku bil-Liġi dwar il-Finanzjament	Pubblikazzjoni mill-Gvern				Q4	2021	Pubblikazzjoni ta' Baġit Ekoloġiku flimkien mal-Abbozz tal-Liġi Baġitarja 2022, inkluża metodoloġija mtejba biex jitqies l-infiq operattiv.
3-5	C3.II Appoġġ għall-ferroviji	Stadju importanti	Konklużjoni tal-ftehimiet finanzjament	Adozzjoni mill-bord AFITF				Q3	2021	L-adozzjoni mill-bord AFITF tal-ftehimiet ta' finanzjament.

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwali tattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
3-6	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Swiċċijiet		Għadd	0	272	Q1	2022	Għadd ta' swiċċijiet ġodda installati ( <i>bħala total</i> ).
3-7	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Katenarji		Km	0	182	Q1	2022	Kilometri ta' katenarji ġodda installati ( <i>bħala total</i> ).
3-8	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Linji ferrovjarji riġenerati		Km	0	863	Q4	2022	Kilometri ta' linji ferrovjarji riġenerati ( <i>bħala total</i> ).
3-9	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Mini		Metri	0	3305	Q4	2022	Meters ta' mini rinforzati ( <i>bħala total</i> ).
3-10	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Stadju importanti	Trattament ambjentali tal-ferroviji	Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-SNCF Réseau				Q4	2022	Is-sostituzzjoni tal-użu tal-glifosat b'alternattiva li tirrispetta aktar l-ambjent.
3-11	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Linji ferrovjarji lokali		Km	0	500	Q4	2023	Kilometri ta' linji lokali zġhar rinnovati ( <i>bħala total</i> ).
3-12	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Linji tal-merkanzija rinnovati		Km	0	150	Q4	2023	Kilometri ta' linji tal-merkanzija rinnovati ( <i>bħala total</i> ).
3-13	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Linji ferrovjarji lokali		Km	500	827	Q4	2025	Kilometri ta' linji lokali zġhar rinnovati ( <i>bħala total</i> ).

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwali tattivghall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
3- 14	C3.I1 Appoġġ għall-ferroviji	Mira	Linji tal-merkanzija rinnovati		Km	150	330	Q4	2025	Kilometri ta' linji tal-merkanzija rinnovati ( <i>bħala total</i> ).
3-15	C3.I2 Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa	Mira	Bonusijiet ekoloġiċi		Għadd	0	85000	Q1	2021	Għadd ta' bonusijiet ekoloġiċi mogħtija għall-vetturi ħief minn Ġunju 2020.
3-16	C3.I2 Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa	Mira	Bonusijiet ekoloġiċi		Għadd	0	127000	Q1	2022	Għadd ta' bonusijiet ekoloġiċi mogħtija għall-vetturi ħief fl-2021.
3-17	C3.I2 Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa	Mira	Bonusijiet ekoloġiċi		Għadd	0	1700	Q1	2022	Għadd ta' bonusijiet ekoloġiċi mogħtija għall-vetturi tqal mill-bidu tal-programm ta' bonus ekoloġiku (2018).
3-18	C3.I3 Mobilità ta' kuljum	Stadju importanti	Ftehimiet ta' finanzjament AFITF	Adozzjoni mill-bord AFITF				Q1	2021	L-adozzjoni mill-bord AFITF tal-ftehimiet ta' finanzjament.
3-19	C3.I3 Mobilità ta' kuljum	Mira	Korsiji riżervati għat-trasport pubbliku		Km	0	20	Q4	2024	L-għadd ta' kilometri rinnovati ta' korsiji riżervati tat-trasport pubbliku li għadhom kif inħolqu.
3-20	C3.I3 Mobilità ta' kuljum	Mira	Korsiji riżervati għat-trasport pubbliku		Km	20	100	Q2	2026	L-għadd ta' kilometri rinnovati ta' korsiji riżervati tat-trasport pubbliku li għadhom kif inħolqu.
3- 21	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xoġhljiet tal-infrastruttura tat-trasport	Stadju importanti	Ftehimiet ta' finanzjament AFITF	Adozzjoni mill-bord AFITF				Q1	2021	Adozzjoni mill-bord AFITF tal-ftehim ta' finanzjament.

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwali tattivghall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
3- 22	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet tal-infrastruttura tat-trasport	Stadju importanti	L-iffirmar mill-ASP (l'Agence de Services et de Paiement) tal-ftehim ta' finanzjament għal stazzjonijiet tal-iċċarġjar ġodda	Adozzjoni tal-ftehimiet ta' finanzjament mill-ASP				Q4	2021	L-iffirmar mill-ASP (l'Agence de Services et de Paiement) tal-ftehim ta' finanzjament għal stazzjonijiet tal-iċċarġjar ġodda.
3- 23	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet tal-infrastruttura tat-trasport	Mira	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar		Għadd	0	1500	Q2	2023	Għadd ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar miftuħin għall-pubbliku.
3- 24	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet tal-infrastruttura tat-trasport	Mira	Kilometri ta' korsiji riżervati lesti		Km	0	20	Q2	2023	Il-kilometri ta' korsiji riżervati għat-trasport pubbliku jew il-carpooling finalizzati.
3- 25	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet tal-infrastruttura tat-trasport	Mira	Proġetti mwettqa fuq passaġġi fuq l-ilma		Għadd	0	100	Q4	2024	Finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' proġetti għall-passaġġi fuq l-ilma, inklużi mgħalaq u digi.
3- 26	C3.I4 Aċċelerazzjoni tax-xogħlijiet tal-infrastruttura tat-trasport	Stadju importanti	Modernizzazzjoni tan-network CROSS u sistema numerika għall-affarijiet marittimi	Rapport li jixhed it-tlestija tax-xogħlijiet				Q2	2023	It-tlestija tal-modernizzazzjoni tan-network CROSS u s-sistema numerika għall-affarijiet marittimi.
3- 27	C3.I5 Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-Istat	Mira	L-għadd ta' vetturi elettriċi u ibridi rikarikabbli mixtrija mill-amministrazzjoni		Għadd	0	1291	Q2	2021	Il-vetturi ibridi elettriċi u rikarikabbli b'kollox għall-Ministeru tal-Intern, id-Direttorat Ġenerali għad-Dwana u s-Sisa u l-Ministeru tal-Ġustizzja (kumulattiv).



Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikatur kwali tattiv għall-istadji importanti	Indikatur kwantitattiv għall-mira			Ħin		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			Franċiża							
3- 28	C3.15 Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-Istat	Mira	Għadd ta' vetturi elettriċi u ibridi rikarikabbli mixtrija mill-amministrazzjoni Franċiża		Għadd	1291	4200	Q3	2023	Il-vetturi ibridi elettriċi u rikarikabbli b'kollox għall-Ministeru tal-Intern, id-Direttorat Ġenerali għad-Dwana u s-Sisa u l-Ministeru tal-Ġustizzja (kumulattiv).
3- 29	C3.16 Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet	Stadju importanti	Ftehimiet ta' finanzjament AFITF	Adozzjoni mill-bord AFITF				Q1	2021	L-adozzjoni mill-bord AFITF tal-ftehimiet ta' finanzjament.
3- 30	C3.16 Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet	Mira	Konnessjonijiet elettriċi ġodda fuq il-baċiri		Għadd	0	9	Q4	2022	Finalizzazzjoni tal-installazzjoni ta' konnessjoni tal-elettriku ġdida fuq baċiri fuq in-network tal-baċir Havre-Rouen-Paris, il-port ta' Marsilja u Pointe des grives fil-baċir f'Martinique.
3- 31	C3.16 Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet	Stadju importanti	Xiri ta' bastimenti	Rapport li jixhed l-akkwizzizzjoni				Q2	2023	It-tlestija tal-akkwist ta' bastimenti għas-servizzi tal-affarijiet marittimi.
3-32	C3.17 It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-grilji tal-elettriku	Stadju importanti	Bidu tal-proġetti	Rapport li jixhed it-tlestija				Q4	2023	Il-bidu tal-proġetti dwar il-grilji tal-elettriku fiż-żoni rurali.

## **D. KOMPONENT 4: Enerġiji u teknoloġġi ekoloġiċi**

Franza adottat mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u objettiv biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li jitħaffu r-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati teknoloġġi ekoloġiċi. L-investment f'teknoloġġi sostenibbli ewlenin għandu jikkontribwixxi biex l-industrija Franċiża titqiegħed f'pożizzjoni favorevoli fil-konfront tas-swieq ekoloġiċi emerġenti.

F'dan il-kuntest, dan il-komponent tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi investimenti biex jappoġġa l-innovazzjoni fit-teknoloġġi ekoloġiċi, taħt ir-raba' "*Programme d'investissements d'avenir*" (PIA4), billi jiddefinixxi strategġi f'setturi magħżula ewlenin relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, u jappoġġa lill-industrija biex tieħu passi biex timplimenta dawk l-istrategġi. Dan huwa kkomplementat minn riforma tal-governanza tal-PIA biex tiżdied l-effiċjenza tagħha, li hija mistennija li ġġib benefiċċji mhux biss għall-azzjonijiet tal-PIA4 dwar l-innovazzjoni ekoloġika, iżda wkoll f'oqsma oħra (pereż. l-innovazzjoni diġitali, in-negozji innovattivi, u l-appoġġ għall-ekosistemi tat-tagħlim, ir-riċerka, il-promozzjoni u l-innovazzjoni — ara l-miżuri taħt il-Komponenti 6 u 9).

Dan il-komponent fih ukoll żewġ miżuri ta' investment immirati oħra, (i) biex jiġi promoss l-iżvilupp ta' idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, bħala mod kif tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, u (ii) biex tiġi appoġġata l-industrija ajrunawtika biex jingħelbu d-diffikultajiet ekonomiċi attwali u biex issir tranżizzjoni lejn industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Dawn il-miżuri jikkontribwixxu għall-objettiv ta' tranżizzjoni ekoloġika u biex tintlaħaq il-mira klimatika. Huma jikkontribwixxu wkoll biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi indirizzati lil Franza dwar il-ħtieġa li l-politika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli, il-produzzjoni u l-użu effiċjenti u nodfa tal-enerġija, u fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (CSR3, 2019 u CSR 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

#### **Riforma 1 (C4R1): Governanza tal-*Programme d'investissements d'avenir* (PIA)**

Din ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-governanza tal-iskema "*Programme d'Investissement d'Avenir*" (PIA), billi tibni fuq ir-ritorn tal-esperjenza ta' skemi tal-passat.

Franza bdiet skemi tal-PIA fl-2010, bil-għan li trawwem u tiffinanzja l-innovazzjoni f'oqsma strateġiċi, mill-ħolqien ta' ideat għad-diffużjoni ta' servizzi u prodotti ġodda fis-swieq. Franza issa qed tmexxi r-raba' "*Programme d'Investissement d'Avenir*" (PIA4), li jkopri perjodu ta' 5 snin bejn l-2021 u l-2025, bil-għan li tikkontribwixxi għat-tiswir tal-futur ta' Franza fil-perjodu ta' żmien tal-2030. Il-PIA4 huwa maqsum f'żewġ partijiet: fergħa ta' "innovazzjoni diretta" ("*volet dirigé*") biex tiffinanzja investimenti eċċezzjonali f'setturi ta' prijorità u teknoloġġi ewlenin għall-

futur; u fergħa “strutturali” (“*volet structurel*”) biex tiffinanzja l-investimenti strutturali u l-innovazzjoni fl-edukazzjoni għolja u l-ekosistemi tar-riċerka.

Bħala parti mir-riforma attwali, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-*Comité de surveillance des investissements d'avenir*, il-PIA4 għandu jibbenefika minn direzzjoni strateġika aktar ċara, permezz tal-istabbiliment ta' *Conseil interministériel de l'innovation* ta' livell għoli, li jlaqqa' flimkien ministri rilevanti madwar il-Prim Ministru biex jiddeċiedu l-orjentazzjonijiet u l-prijoritajiet tal-politika tal-innovazzjoni. Il-missjonijiet tal-*Comité de surveillance des investissements d'avenir* stess għandhom jitwessgħu għal rwol konsultattiv għall-*Conseil interministériel de l'innovation* fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ġodda ta' investiment.

L-innovazzjoni titrawwem permezz ta' “strateġiji ta' aċċellerazzjoni” żviluppata minn taskforces iddedikati ma' esperti xjentifiċi għal teknoloġiji prijoritarji ewlenin u swieq b'potenzjal għoli ta' tkabbir. Ladarba jiġu vvalidati l-“istrateġiji ta' aċċellerazzjoni”, jitnedew sejħiet għal espressjoni ta' interess u/jew sejħiet għal proposti, li huma mfasla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull strateġija. Il-proġetti mbagħad jintgħażlu permezz ta' proċeduri kompetittivi. Il-fondi huma impenjati hekk kif jitnedew sejħiet għal proġetti u jintgħażlu l-proġetti. Bħala parti minn din ir-riforma, il-proċessi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' “strateġiji ta' aċċellerazzjoni” huma ssimplifikati biex jiżguraw approċċ aktar artikat u integrat (regolatorju, fiskali, orjentat lejn l-appoġġ, eċċ.) għall-problemi identifikati, u biex jikkontribwixxu għall-kwalità tal-investimenti, permezz ta' għażla rigoruża, monitoraġġ u proċessi ta' evalwazzjoni sistematiċi.

Franza inkludiet diversi miżuri relatati mal-PIA4 fil-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza, u din ir-riforma għandha l-għan li ggħib benefiċċji f'dawn il-miżuri — mhux biss fir-rigward tal-Investment 1 dwar l-innovazzjoni ekoloġika bħala parti mill-komponent preżenti, iżda wkoll f'oqsma oħra (l-innovazzjoni diġitali, in-negozi innovattivi, u l-appoġġ għat-tagħlim, ir-riċerka, il-promozzjoni u l-ekosistemi tal-innovazzjoni — ara l-miżuri taħt il-Komponenti 6 u 9).

#### Investiment 1 (C4I1): Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika

Dan l-investiment għandu l-għan li jaċċellera u jżid l-investiment f'teknoloġiji avvanzati għat-tranżizzjoni ekoloġika, fil-kuntest tar-raba' *Programme d'investissements d'avenir* (PIA4).

Dan l-investiment għandu jiffinanzja proġetti ta' innovazzjoni, li jibnu fuq seba' “strateġiji ta' aċċellerazzjoni” fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, żviluppata taħt il-“*volet dirigé*” tal-PIA4.

L-ewwel waħda minn dawn l-“istrateġiji ta' aċċellerazzjoni” **tiffoka fuq l-idroġenu dekarbonizzat**. Dan diġà ġie vvalidat f'Settembru 2020 u jwassal għal azzjonijiet operazzjonali, (i) sejhja għal proġetti dwar “*Briques technologiques et démonstrateurs*”, li għandha l-għan li tiżviluppa jew ittejjeb il-komponenti u s-sistemi relatati mal-produzzjoni, it-trasport u l-użu tal-idroġenu, u li tappoġġa proġetti ta' dimostrazzjoni, u (ii) il-kostruzzjoni ta' IPCEI dwar l-idroġenu (cf. l-Investment 2), li għalih jikkontribwixxi l-qafas PIA4.

Għandhom jiġu stabbiliti s-sitt “strateġiji ta' aċċellerazzjoni” li ġejjin:

- **Id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija**, bil-għan li żżid u tuża soluzzjonijiet teknoloġiċi eżistenti kif ukoll teknoloġiji fixkiela fejn l-isfida hija li jiġu industrijalizzati dimostratur, privata u suq ta' soluzzjoni innovattiva. B'mod partikolari, l-istrateġija għandha tiffoka fuq it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-proċessi, id-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-

enerġija tal-industrija (speċjalment is-sħana), u l-użu ta' proċessi mingħajr karbonju u l-ġbir u l-ħżin jew l-użu tal-karbonju.

- **Sistemi agrikoli sostenibbli**, li jappoġġaw ukoll it-tagħmir agrikolu li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jippermettu bidla minn mekkanizzazzjoni għal tagħmir agrikolu intelliġenti u komness, jissostitwixxu jew jillimitaw l-użu ta' inputs fossili jew sintetiċi u jiżviluppaw l-għażla ta' popolazzjonijiet tal-annimali u tal-pjanti b'aktar minn prestazzjoni waħda u reżiljenti.
- **Ir-riċiklaġġ u l-inkorporazzjoni mill-ġdid ta' materjali riċiklati**, bil-għan li jinholq mudell ibbażat fuq materja prima riċiklata li tissostitwixxi l-materjali verġni permezz ta' katina tal-valur tar-riċiklaġġ koerenti u integrata. Ħames materjali huma identifikati bħala prijoritajiet f'dan l-istadju: metalli strateġiċi, plastik, komposti, karta/kartun, tessuti.
- **Bliet sostenibbli u binjiet innovattivi**. Bil-għan li jitnaqqas it-tixrid urban għad-detriment tal-art agrikola u l-ispazji naturali, u biex il-bliet isiru aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, inklużivi u produttivi, din l-istrateġija għandha tappoġġa dimostranti territorjali innovattivi u replikabbli, b'enfasi partikolari fuq id-definizzjoni ta' għodod u metodi li jippromwovu l-użu fuq skala kbira tar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini; l-istrutturar tas-settur tal-injam u tal-materjali li ġejjin minn sorsi ġeografiċi bil-ħsieb tan-newtralità tal-karbonju; u t-tranżizzjoni diġitali tal-bliet u l-intelliġenza artifiċjali.
- **Id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-mobilità**, biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra billi tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur, filwaqt li tiġi żviluppata u mtejbja l-provvista ta' soluzzjonijiet tat-trasport ta' kuljum fir-reġjuni kollha. L-oqsma ta' prijorità huma l-ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet u l-infrastruttura, it-trasformazzjoni diġitali u l-awtomatizzazzjoni. L-istrateġija għandha l-għan li tindirizza l-modi kollha tat-trasport — it-trasport tal-passiġġieri iżda wkoll il-loġistika. Hija għandha tiffoka b'mod partikolari fuq dimostraturi u proġetti pilota ta' sistemi u servizzi, biex tneħħi l-ostakli għall-iskalar, biex tittestja l-mudelli tan-negożju u biex tħejji l-adattament tal-qafas regolatorju jekk ikun meħtieġ.
- **Prodotti b'bażi bijoloġika u bijoteknoloġiji industrijali — Fjuwils Sostenibbli**, li għandhom l-għan li jippromwovu l-iżvilupp ta' bijoteknoloġiji industrijali fi Franza u l-manifattura ta' prodotti b'bażi bijoloġika, b'mod partikolari biex jissostitwixxu l-prodotti petroliferi. L-istrateġija għalhekk għandha l-għan li tiżviluppa settur industrijali Franċiż ta' prodotti b'bażi bijoloġika u fjuwils sostenibbli, b'mod partikolari għas-settur ajrunawtiku. Għandha tindirizza wkoll id-domanda għal prodotti b'bażi bijoloġika.

Ladarba jiġu vvalidati sa tmiem l-2021, dawn l-istrateġiji għandhom iwasslu għal sejħiet għal proġetti jew sejħiet għal interess (li għandhom jitnedew sa tmiem l-2022), biex tintgħażel u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti. L-investment fil-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jappoġġa parti mill-ispejjeż assoċjati.

It-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jinkludu bħala kriterju ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal-applikazzjonijiet tas-soluzzjoni ffinanzjata, b'mod li jiżgura li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan għandu jikkumplimenta l-fatt li, kull meta jkun applikabbli, il-kriterji ambjentali huma parti mill-kriterji tal-għażla għall-proġetti, u li l-operaturi huma meħtieġa jipproduċu analiżi kritika tal-proposti tagħhom ibbażata fuq għarfien espert intern u estern; li t-tranżizzjoni ekoloġika hija elenkata bil-liġi bħala wieħed mill-obiettivi tal-PIA, u li l-korpi governattivi tal-PIA għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' dawn l-obiettivi, li hija mmonitorjata permezz ta' indikatur iddedikat. Dan għandu jwassal għall-esklużjoni ta' (i) attivitajiet relatati mal-

karburanti fossili, inkluż l-użu downstream<sup>14</sup>; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjali rilevanti<sup>15</sup>; (iii) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi<sup>16</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku<sup>17</sup>; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

## Investiment 2 (C4I2): Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizzat

Din il-miżura għandha l-għan li tiżviluppa ktajjen ta' valur Franċiżi għall-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, u għall-użu ta' dan l-idroġenu fis-setturi downstream u finali, bħat-trasport u l-industrija.

Din il-miżura hija parti mill-kuntest usa' tal-“Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Idroġenu Dekarbonizzat” adottata minn Franza fit-8 ta' Settembru 2020, li fiha nnifisha tikkostitwixxi waħda mill-“istrateġiji ta' aċċellerazzjoni” stabbiliti fil-qafas tal-PIA (cf. Investiment 1). Din l-Istrateġija tiddefinixxi viżjoni għall-2030, inkluż l-oġettiv li tiġi stabbilita kapaċità ta' elettroliżi installata ta' 6,5 GW għall-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju. F'dan il-kuntest, dan l-investiment huwa parti minn sett usa' ta' azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati sal-2030.

Dan l-investiment huwa strutturat madwar żewġ sottomiżuri:

- L-ewwel sottomiżura għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jappoġġa l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan il-mekkaniżmu għandu jappoġġa lill-produtturi tal-idroġenu, biex iżidu l-produzzjoni tagħhom tal-idroġenu fuq il-bażi tal-elettrolizzaturi. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' għajjnuna għall-investiment u għall-operazzjoni. L-għajjnuna operatorja għandha l-għan li tikkumpensa l-ispejjeż operattivi oġġla meta mqabbla mal-produzzjoni tal-idroġenu bbażata fuq il-fossili, utiżgura l-fluss tad-dħul, biex b'hekk l-investituri jkunu jistgħu jkopru l-ispejjeż tal-investiment bil-quddiem. Il-proġetti appoġġati għandhom jitlestew u jkunu operattivi qabel il-31 ta' Awwissu 2026. Dawn għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħa kompetittiva għall-offerti, skedata li titnieda fit-tieni nofs tal-2022.

---

<sup>14</sup>Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01).

<sup>15</sup>Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjali rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjali stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>16</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>17</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- It-tieni sottomiżura għandha tikkonsisti fit-tnejja u l-implimentazzjoni ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju, flimkien ma' Stati Membri oħra. L-IPCEIs ippjanati bħalissa qed jinbnew flimkien ma' Stati Membri oħra. Il-proġett għandu jkollu l-għan li jiżviluppa u juża soluzzjonijiet industrijali biex irawwem il-katina tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-livell Ewropew. Franza hija mistennija li tikkontribwixxi għall-proġett permezz ta' appoġġ biex (i) l-gigafactory tal-elettroljatur tibda topera fi Franza sal-31 ta' Diċembru 2023, (ii) tagħmel gigafactory għaċ-ċelloli tal-fjuwil u b'mod aktar ġenerali għat-tankijiet u l-materjali biex tippermetti l-iżvilupp ta' vetturi tqal ibbażati fuq l-idroġenu sal-31 ta' Diċembru 2023, u (iii) tikseb il-konverżjoni tas-siti industrijali għal idroġenu rinnovabbli jew b'livell baxx ta' karbonju sal-31 ta' Diċembru 2024. L-azzjonijiet Franċiżi taħt il-proġett għandhom jiġu appoġġati wkoll bħala parti mill-miżura “Innovate for the green transition” ibbażata fuq l-“istrateġija ta' aċċelerazzjoni” dwar l-idroġenu adottata fil-kuntest tal-PIA4<sup>18</sup>.

### Investiment 3 (C4I3): Pjan ta' appoġġ għas-settur ajrunawtiku

Dan l-investiment għandu l-għan li jgħin lill-industrija ajrunawtika tegħleb l-isfidi ekonomiċi attwali billi żżomm u tiddiversifika l-kapaċitajiet tagħha, u żżid il-prestazzjoni ambjentali u diġitali tagħha; u biex isir investiment fir-RuĴ trasformattiv għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bl-ajru.

Dan l-investiment huwa strutturat madwar żewġ sottomiżuri:

- L-ewwel sottomiżura għandha tikkonsisti f'fond ta' appoġġ għall-investiment li jippromwovi d-diversifikazzjoni, il-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali u ambjentali tal-kumpaniji. Il-Fond għandu jagħti sussidji lill-kumpaniji tas-settur ajrunawtiku. L-ewwel sejhja għal proġetti ġiet organizzata fit-tieni nofs tal-2020, u sejħiet oħra għal proġetti għandhom jiġu organizzati fis-snin li ġejjin. Sabiex jiġi żgurat li din is-sottomiżura tikkonforma mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru (b'mod partikolari l-ajruporti u l-linji tal-ajru) għandhom jiġu esklużi b'mod espliċitu mis-sejħiet għal proġetti taħt din is-sottomiżura.
- It-tieni sottomiżura għandha tikkonsisti f'appoġġ għar-RuĴ f'teknoloġiji ta' “inġenji tal-ajru ekoloġiċi”. Għandu jkun iffukat fuq it-trawwim ta' innovazzjoni fixkiela u trasformattiva fis-settur tal-ajrunawtika, biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika tiegħu, filwaqt li jibni fuq approċċ integrat li għandu l-għan li jindirizza l-isfidi teknoloġiċi kollha identifikati. Għal dan il-għan, hija għandha tappoġġa proġetti individwali jew kollaborattivi tar-RuĴ iffukati fuq it-tnejja teknoloġika ta' ġenerazzjoni ġdida ta' inġenji tal-ajru “ultra-sober” jew “mingħajr emissjonijiet”. Mill-inqas 70 % tal-isforz għandu jikkontribwixxi direttament għall-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-impatti fuq il-klima tal-inġenji tal-ajru futuri, u l-bqija għandu jikkontribwixxi indirettament permezz ta' tnaqqis fiċ-ċikli u l-ispejjeż tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-inġenji tal-ajru, li jippermetti integrazzjoni aktar rapida tat-teknoloġiji ekoloġiċi fil-flotot fis-servizz. Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħiet għall-offerti u għandhom tipikament jitlestew fuq sentejn sa tliet snin.

<sup>18</sup> L-IPCEIs huma soġġett għar-rekwiżit ta' notifika u obbligu ta' sospensjoni fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea . L-għażla u l-ispeċifitajiet tal-proġetti proposti tista' teħtieġ aġġustamenti biex tiżgura konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

It-termini ta' referenza għas-sejħiet li ġejjin għal proġetti taħt iż-żewġ sottomiżuri għandhom jinkludu bħala kriterju ta' eliġibbiltà li l-miżuri magħżula għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika.

**D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
4-1	C4.R1: Riforma tal-Governanza tal- <i>Programme d'investiments d'avenir</i> (PIA)	Stadju importanti	Governanza riveduta tal- <i>Programme d'investiments d'avenir</i>	Dħul fis-seħħ	-	-	-	Q1	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-bidla leġiżlattiva u l-ftehim qafas li jistabbilixxi l-governanza l-ġdida, b'mod partikolari:  L-istabbiliment ta' Kunsill Interministerjali tal-Innovazzjoni li jlaqqa' flimkien lill-ministri kompetenti madwar il-Prim Ministru, u li jiddeċiedi dwar l-orjentazzjonijiet u l-prijoritajiet għall-politika tal-innovazzjoni;  L-espansjoni tal-missjonijiet tal-Kumitat Superviżorju għall-Investimenti Futuri biex jagħti pariri lill-Kunsill Interministerjali tal-Innovazzjoni fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni u jipprovdi opinjoni konsultattiva dwar l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet ġodda ta' investiment
4-2	C4.I1: Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika	Mira	Għadd ta' "strateġiji ta' aċċellerazzjoni" vvalidati	-	Għadd	0	7	Q4	2021	Għadd ta' "strateġiji ta' aċċellerazzjoni" vvalidati (idroġenu dekarbonizzat, dekarbonizzazzjoni tal-industrija, sistemi agrikoli sostenibbli, riċiklaġġ u inkorporazzjoni mill-ġdid ta' materjali riċiklati, bliet sostenibbli u binjiet innovattivi, diġitalizzazzjoni u dekarbonizzazzjoni tal-mobilità, prodotti minn sorsi bijoloġiċi u bijoteknoloġiji industrijali - fjuwils sostenibbli).
4-3	C4.I1: Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika	Stadju importanti	Tnedija ta' sejħiet għal proposti jew sejħiet għal interess	Pubblikazzjoni fuq is-sit web "Secrétariat Général pour l'Investissement" (SGPI)	-	-	-	Q4	2022	Is-sejħiet għal proposti jew interessi kollha taħt din il-miżura għall-istrateġiji adottati taħt il-mira 4-2 immedija, b'termini ta' referenza inkluż bħala kriterju ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal-applikazzjonijiet tas-soluzzjoni ffinanzjata.
4-4	C4.I1:	Stadju	Għoti tal-	Rapport mis-	-	-	-	Q4	2023	Deċizzjoni ta' implimentazzjoni tal-Prim Ministru wara l-



	Innovazzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika	importanti	kuntratti — deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Prim Ministru	“Secrétariat Général pour l'Investissement” (SGPI)						għeluq tas-sejħiet għal proposti/sejħiet għal interess immedija skont l-istadju 4-3; jippermettu l-iffirmar ta' kuntratti mal-benefiċjarji permezz ta' ftehimiet jew kuntratti oħra għall-għoti ta' fondi.
4-5	C4.I2: Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizat	Stadju importanti	Għoti tal-kuntratti taħt il-mekkaniżmu ta' appoġġ	Pubblikazzjoni fil-paġna web	-	-	-	Q3	2022	L-għoti tal-kuntratti tas-sejħa għal proġett tal-mekkaniżmu għall-appoġġ tal-produzzjoni ta' l-idroġenu.
4-6	C4.I2: Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizat	Mira	Volum ta' idroġenu prodott taħt il-mekkaniżmu ta' appoġġ	-	Tunnellata	0	12000	Q4	2022	Il-volum tal-idroġenu prodott mill-proġetti magħżula u appoġġati taħt il-mekkaniżmu għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju (kumulattiv).
4-7	C4.I2: Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizat	Mira	Volum ta' idroġenu prodott taħt il-mekkaniżmu ta' appoġġ	-	Tunnellati	12000	100000	Q4	2025	Il-volum tal-idroġenu prodott mill-proġetti magħżula u appoġġati taħt il-mekkaniżmu għall-appoġġ tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju (kumulattiv).
4-8	C4.I2: Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizat	Stadju importanti	Firma tad-deċiżjoni li jiġi attribwit appoġġ finanzjarju lill-promoturi privati taħt	Pubblikazzjoni fil-paġna web	-	-	-	Q3	2022	L-iffirmar tad-deċiżjoni li jiġi attribwit appoġġ finanzjarju lill-promoturi privati taħt l-IDROĠENU.

			l-IPCEI dwar l- idroġenu							
4-9	C4.I2: Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizant	Mira	Kapaċità tal-produzzjoni tal-elettrolizzatur		MW/sena		140	Q4	2025	Kapaċità tal-produzzjoni tal-elettrolizzaturi li tammonta għal 140 MW fis-sena ta' kapaċità ta' produzzjoni installata ffinanzjata permezz tal-IPCEI dwar l-idroġenu.
4-10	C4.I3: Pjan ta' appoġġ għas-settur ajrunawtiku	Mira	Għadd ta' proġetti magħżula għall-appoġġ taħt il-fond ta' appoġġ għall-investiment	-	Għadd	0	300	Q1	2022	L-għadd ta' proġetti magħżula, fuq il-bażi tat-termini ta' referenza inkluż bħala kriterju ta' eliġibbiltà li l-miżuri magħżula għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, li għandhom jiġu appoġġati mill-fond ta' appoġġ għall-investiment għall-promozzjoni tad-diversifikazzjoni, il-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali u ambjentali tal-kumpaniji (kumulattiv).
4-11	C4.I3: Pjan ta' appoġġ għas-settur ajrunawtiku	Mira	L-għadd ta' proġetti RuŻ għall-promozzjoni ta' inġenji tal-ajru b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija magħżula	-	Għadd	0	200	Q4	2022	L-għadd ta' proġetti RuŻ għall-promozzjoni ta' inġenji tal-ajru b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, magħżula fuq il-bażi tat-termini ta' referenza inkluż bħala kriterju ta' eliġibbiltà li l-miżuri magħżula għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika (kumulattiv).
4-12	C4.I3: Pjan ta' appoġġ	Mira	Għadd ta' proġetti	-	Għadd	0	180	Q4	2025	Għadd ta' proġetti kkompletati wara appoġġ mill-fond ta' appoġġ għall-investiment għall-promozzjoni tad-

	għas-settur ajrunawtik u		kkompletat i, taħt il- fond ta' appoġġ għall- investimen t							diversifikazzjoni, il-modernizzazzjoni, u t- trasformazzjoni diġitali u ambjentali tal-kumpaniji (kumulattiv).
--	--------------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--

## **E. KOMPONENT 5: Finanzjament ta' negozji**

Ix-xokk tal-kriżi wassal għal tnaqqis fl-ekwiwità korporattiva u nuqqas ta' kapital sostenibbli. Dan idgħajjed il-kapaċità tal-kumpaniji li jħallsu lura u jnaqqas il-kapaċità li jassorbu x-xokkijiet f'każ ta' kriżi ġdida. Nuqqas ta' ekwiwità jista' jwassal ukoll biex il-kumpaniji jadottaw strateġiji ta' diżingranaġġ: it-tnaqqis tal-investiment biex jiżdiedu l-marġnijiet u jissaħħu l-karti tal-bilanċ — u b'hekk jiġi amplifikat ix-xokk tal-kriżi għall-ekonomija kollha kemm hi. Din is-sitwazzjoni ta' finanzjament, flimkien ma' piż regolatorju, b'mod partikolari għas-servizzi, tippreżenta ostaklu għall-investiment.

Il-Komponent 5 tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza jfittex li jindirizza dawn l-isfidi billi jsaħħaħ l-ekwiwità tal-SMEs u jssimplifika l-ambjent regolatorju biex jappoġġa rkupru dinamiku. Għandha l-għan ukoll li tiżgura li l-kumpaniji li jibbenefikaw mill-għajjuna jirrispettaw kriterji oħra, bħat-trasformazzjoni soċjali u ambjentali li huma essenzjali għall-irkupru.

Il-komponent huwa relatat mas-CSR 2019.4 u 2020.4 dwar it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet regolatorji u t-trawwim tat-tkabbir tad-ditti, kif ukoll is-CSR 2020.3.1 dwar l-appoġġ għal-likwidità tad-ditti, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

#### **Riforma C5.R1: Liġi dwar l-aċċellerazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-azzjoni pubblika (“loi ASAP”)**

L-għan tal-liġi ASAP<sup>19</sup>, ippromulgata f'Diċembru 2020, huwa li l-amministrazzjoni titqarreb lejn iċ-ċittadini, li jiġu ffaċilitati l-iżviluppi tan-negozju u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi kemm għan-negozji kif ukoll għall-individwi. L-għan tar-riforma huwa li timplimenta wħud mid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li fadal:

- jekk ir-regolamenti, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ambjentali, jenħtieġ li jiġu emendati matul l-eżami ta' proġett, l-applikazzjoni tal-proġett għandha tkompli tkun soġġetta għall-istess dispożizzjonijiet regolatorji fis-seħħ fiż-żmien meta ġiet ippreżentata l-applikazzjoni. Emendi għal diversi dispożizzjonijiet ambjentali għandhom jiġu stabbiliti f'digriet separati, bħalma huma l-kundizzjonijiet li taħthom il-Ministru tal-Ambjent jista' jitlob valutazzjoni ġdida ta' applikazzjoni għal proġett industrijali, il-kundizzjonijiet preċiżi li taħthom tista' tkun meħtieġa valutazzjoni ambjentali ġdida għal proġetti ta' ppjanar urban, jew limiti ta' żmien għall-awtorizzazzjoni ambjentali għal xogħlijiet li jindirizzaw emerġenza ċivili.
- Il-liġi tipprevedi wkoll simplifikazzjoni tar-regoli applikabbli għall-bejgħ online tal-mediċini. Għandu jkun biżżejjed għall-ispiżeriji li jiddikjaraw il-ftuħ ta' websajt, aktar milli jkollhom jistennew awtorizzazzjoni minn qabel.

---

<sup>19</sup> Loi n°2020-1525 du 7 décembre 2020

- Ir-razzjonalizzazzjoni tal-kummissjonijiet konsultattivi: aktar minn 15 kumitat għandhom jiġu aboliti jew amalgamati, bil-kondizzjonijiet speċifiċi għall-amalgamazzjoni jew l-abolizzjoni jiġu definiti f'digriet separati. Il-kumitati li għandhom jiġu aboliti jinkludu l-*Observatoire de la récidence* jew il-*Conseil supérieur de la mutualité*, filwaqt li oħrajn, bħall-*Conseil supérieur de l'égalité professionnelle* u l-*Haut conseil à l'égalité* (HCE) kif ukoll diversi korpi konsultattivi dwar ir-relazzjonijiet tax-xogħol, għandhom jingħaqdu flimkien.

#### Riforma C5.R2: Il-kontribut tal-intrapriżi għat-trasformazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali fil-kuntest tal-irkupru

Din ir-riforma tikkonċerna l-Artikolu 244 tal-liġi dwar il-finanzjament (*loi de finances*) għall-2021, adottata speċifikament biex tiżgura li l-kumpaniji li jibbenefikaw minn għajjnuna taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Franza (u l-pjan nazzjonali b'mod aktar wiesa') jimpenjaw ruħhom f'approċċ ta' tranżizzjoni ekoloġika, jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jinvolvu u jinfurmaw lill-impjegati tagħhom dwar l-użu tal-fondi riċevuti mill-Istat. Din timponi l-obbligi li ġejjin fuq il-kumpaniji li jibbenefikaw minn għajjnuna skont il-pjan nazzjonali "Relazzjoni ta' Franza"<sup>20</sup>:

- Il-kumpaniji kollha b'aktar minn 50 impjegat huma meħtieġa jippubblikaw, sal-31 ta' Diċembru 2022 (il-31 ta' Diċembru 2023 għall-kumpaniji b'bejn 51 u 250 impjegat), bilanċ issimplifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra<sup>21</sup>, li għandu jiġi aġġornat sussegwentement kull tliet snin.
- L-obbligi qed jizjeddu fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Minbarra li jkollhom jippubblikaw il-punteġġ globali miksub fl-indiċi tal-ugwaljanza professjonali<sup>22</sup>, kif inhu l-każ bħalissa, il-benefiċjarji taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jippubblikaw id-dettalji tar-riżultati miksuba għal kull wieħed mis-subindikaturi li jikkostitwixxu l-indiċi. Il-limitu biex jiġu stabbiliti miri interni għal kull wieħed mis-subindikaturi (li, jekk ma jintlaħqux, jista' jwassal għal multi ekwivalenti għal 1 % tal-kont tal-pagi) għandu jitbaxxa b'digriet mill-punteġġ globali attwali tal-indiċi ta' 75.
- Il-governanza korporattiva hija msaħħa: matul il-konsultazzjoni annwali dwar il-"linji gwida strateġiċi tal-impriża" diġà prevista mil-liġi<sup>23</sup>, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku jiġi infurmat bl-ammont, in-natura u l-użu tal-għajjnuna riċevuta mill-impriża skont il-miżuri tal-pjan ta' rkupru.

#### Investiment C5-I1: Kontribuzzjoni għall-fondi ta' investiment reġionali

L-għan ta' din il-miżura huwa li ssaħħaħ il-kapital tal-SMEs żgħar fir-reġjuni Franċiżi, bil-għan li ssaħħaħ il-kompetittività u l-kapaċità ta' investiment tagħhom, inkluż biex ikunu jistgħu jilqgħu għall-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali.

Din il-miżura tikkonċerna l-investiment tal-Istat ta' EUR 250 000 000 f' "fond ta' fondi" stabbilit minn Bpifrance, bank ta' investiment li huwa indirettament proprjetà ta' 100 % tal-Istat Franċiż. Il-

<sup>20</sup> [France relevance : découvrez les priorités du plan | Gouvernement.fr](https://www.gouvernement.fr/france-relevance-priorities-plan).

<sup>21</sup> Huwa jkopri l-kamp ta' applikazzjoni 1" skont it-tifsira tal-ISO 14064-1.

<sup>22</sup> Ara, eż: <https://travail-emploi.gouv.fr/droit-du-travail/egalite-professionnelle-discrimination-et-harcelement/indexegapro>.

<sup>23</sup> Ara, eż: [https://www.legifrance.gouv.fr/codes/article\\_lc/LEGIARTI000037385809/](https://www.legifrance.gouv.fr/codes/article_lc/LEGIARTI000037385809/).

Fond għandu jinvesti EUR 250 000 000 f'fondi ta' investiment reġjonali, jew diġà eżistenti jew li għad iridu jiġu stabbiliti, *pari passu* mar-Reġjuni. Min-naħa tagħhom, il-fondi ta' investiment reġjonali għandhom l-għan espliċitu li jgħibu investiment privat u jinvestu fl-ekwità tal-SMEs. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istat għandu jgħin biex jingrana l-investiment privat biex jimmultiplika l-impatt tal-mezzi ta' investiment reġjonali. Il-parti totali tal-Istat fl-investimenti ma tistax taqbeż il-50 %, b'investimenti totali ta' mill-inqas EUR 1 000 000 000 immirati: EUR 250 000 000 mill-Istat (il-parti li hija ffinanzjata bil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza), EUR 250 000 000 mir-Reġjuni, u mill-inqas EUR 500 000 000 minn investituri privati.

Id-deċiżjonijiet ta' investiment tal-fondi reġjonali għandhom isiru minn kumpaniji ta' ġestjoni privati speċifiċi għal kull Reġjun, bil-għan komuni li tissaħħaħ l-ekwità tal-SMEs. L-investimenti f'fondi individwali għandhom ikunu ta' mhux aktar minn EUR 5 000 000.

Billi jsaħħaħ il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpaniji benefiċjarji, dan l-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-kompetittività u l-kapaċità ta' investiment tagħhom.

Id-duttrina ta' intervent ta' Bpifrance tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u tal-enerġija. L-intervent ta' ekwità għandu għalhekk jiffinanzja fondi ta' investiment imfassla biex jappoġġaw, fost l-oħrajn, kumpaniji industrijali fit-tranżizzjoni tagħhom għal sistemi ta' produzzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Barra minn hekk, il-politika ta' investiment responsabbli ta' Bpifrance tqis il-kriterji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (Environmental, Social and Governance, ESG). Il-kriterji ESG japplikaw għall-investimenti ta' Bpifrance, iżda jkopru wkoll il-kumpaniji manidġerjali tal-fond (bħala impriża, u n-negozju tiegħu bħala investitur) u l-impriżi sottostanti. Id-duttrina tal-investiment ta' Bpifrance tistabilixxi wkoll kriterji ta' esklużjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ishma involuti fl-estrazzjoni tal-faħam jew il-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam termali.

Kwalunkwe rifluss (pereż. redditu fuq l-ekwità) marbut mal-fondi li jiġu ġġenerati għandu jiġi investit mill-ġdid għall-istess objettivi ta' politika, inkluż lil hinn mill-2026.

## **E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

Num ru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
5-1	C5.R1 Implimentazzjoni tal-liġi ASAP	Stadju importanti	Liġi Nru 2020–1525 (loi ASAP)	Dħul fis-seħħ				Q2	2022	Dħul fis-seħħ tad-digriet ta' implimentazzjoni tal-liġi ASAP, li jkopru mill-inqas dan li ġej: <ul style="list-style-type: none"> <li>- Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-akkwist/tiġdid tas-sħubija fl-isport u taċ-ċertifikat mediku</li> <li>- Struzzjoni ta' talbiet għall-awtorizzazzjoni ambjentali f'ċirkostanzi ċivili urġenti</li> <li>- Dispożizzjonijiet relatati ma' ftehimiet ta' qsim tal-profitti, ta' parteċipazzjoni jew ta' pjan ta' tfaddil tal-impjegati</li> </ul>
5-2	C5.R2 Kontribuzzjonijiet tal-intrapriżi għal trasformazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali	Stadju importanti	L-Artikolu 244 tal-Liġi Nru 2020–1721 (loi de finances 2021)	Pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tax-Xogħol (subindikaturi)				Q1	2023	Pubblikazzjoni ta' sottoindikaturi tal-indiċi tal-ugwaljanza okkupazzjonali, kif ukoll miri ta' progress għal kull wieħed minn dawn is-sottoindikaturi taħt livell limitu stabbilit b'digriet.
5-3	C5.I1 Fondi ta' investment reġjonali	Stadju importanti	Għotja lil fondi ta' investment reġjonali	Rapport minn Bpifrance				Q4	2022	L-iżborż mill-fond tal-fond stabbilit minn BPI France ta' EUR 250 000 000 f'fondi reġjonali f'konformità mar-regoli ta' investment tal-BPI.
5-4	C5.I1 Fondi ta' investment reġjonali	Mira	Kontribuzzjoni għall-fondi ta' investment reġjonali		Ammont	0	EUR 1 000 000 000	Q4	2022	Finanzjament totali ingranat (li jikkonsisti f'finanzjament mill-Istat ta' EUR 250 000 000, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet mir-reġjuni (EUR 250 000 000) u minn investituri privati (EUR 500 000 000).

## F. KOMPONENT 6: Is-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza

B'madwar 2,2 % fl-2019, is-sehem ta' Franza fin-nefqa RuĶ fil-PDG għadu taħt il-mira ta' 3 % stabbilita mill-Istrategġja ta' Lisbona, u inqas minn dak ta' pajjiżi ewlenin fl-innovazzjoni u t-teknoloġija.

L-objettiv tal-Komponent 6 tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jappoġġa investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jitlejbu l-prestazzjoni tal-innovazzjoni u l-awtonomija strateġika/is-sovranità teknoloġika ta' Franza. Hija tiffoka fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji strateġiċi u l-innovazzjoni f'setturi strateġiċi tal-futur, bil-għan li ssaħħaħ il-pożizzjonijiet ta' Franza f'dawn is-setturi u li żżid ir-reżiljenza tal-ekonomija.

F'dan il-kuntest, il-komponent jinkludi żewġ investimenti orizzontali taħt ir-raba' "*Programme d'investissement d'Avenir*" (PIA4): (i) wieħed għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp ta' swieq diġitali ewlenin (ċibernetika, cloud, *quantum*, EdTech, intelliġenza artifiċjali) biex jissaħħu l-pożizzjonijiet ta' Franza f'setturi strateġiċi tal-futur; (ii) it-tieni wieħed biex jappoġġa l-innovazzjoni tal-kumpaniji f'setturi strateġiċi. Il-komponent jinkludi wkoll investiment biex jappoġġa s-settur spazjali u l-iffinanzjar għar-riċerka spazjali, kif ukoll investiment għall-appoġġ tal-impjeg fir-RuĶ. Dawk l-investimenti huma kkumplementati minn riforma (il-Liġi dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka), li għandha l-għan li ttejjeb l-iffinanzjar sostenibbli għar-riċerka pubblika, li ssaħħaħ l-attrattività ta' karrieri xjentifiċi u biex iżżid it-trasferiment ta' għarfien bejn ir-riċerka pubblika u n-negozju.

Dan il-komponent jikkontribwixxi biex jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż indirizzati lil Franza dwar il-ħtieġa li "tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni" (CSR 2019.3) jew li "tiffoka l-investiment fuq [...] ir-riċerka u l-innovazzjoni" (CSR 2020.3).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

#### **Riforma C6.R1: Aspetti strutturali tal-Liġi dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka**

Il-liġi dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka<sup>24</sup> ġiet adottata f'Diċembru 2020 u għandha tliet objettivi: it-tiġid tal-finanzjament u l-organizzazzjoni tar-riċerka; it-titjib tal-attrattività tal-impjegi u l-karrieri xjentifiċi; u t-titjib tal-interazzjonijiet tar-riċerka mal-ekonomija u s-soċjetà. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, l-implimentazzjoni tal-liġi — li ser tinvolvi l-adozzjoni ta' diġriet — ser tiffoka fuq l-oqsma li ġejjin:

- Żieda fin-nefqa interna għar-riċerka u l-iżvilupp tal-amministrazzjonijiet u n-negozji għal mill-inqas 3 % tal-PDG annwali, 'il fuq minn 2,19 % fl-2019. Meta mqabbla mal-liġi tal-finanzjament inizjali, aktar minn EUR 30 000 000 000 għandhom jiġu investiti

<sup>24</sup> Loi n° 2020-1674 du 24 décembre 2020.



addizzjonalment matul l-2021-2030 għall-benefiċċju ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka, universitajiet u stabbilimenti oħra ta' riċerka.

- Provvediment għal żieda fir-riżorsi annwali tal-Aġenzija Nazzjonali tar-Riċerka ta' EUR 1 000 000 sal-2027, bl-objettiv li tiżdied ir-rata ta' suċċess tas-sejħiet għal proġetti għal 30 %, 'il fuq mis-16 % attwali. Il-baġit għar-rimunerazzjoni tal-persunal tar-riċerka u tal-edukazzjoni għolja jiżdied: EUR 92 000 000 addizzjonali kull sena huma previsti mill-2021 u sal-2027.
- It-tiżni tar-rabta bejn ix-xjenza u l-ekonomija. Il-liġi dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka għandha tagħmilha aktar faċli għar-riċerkaturi pubbliċi biex jistabbilixxu negozju, jipparteċipaw fil-ħajja ta' negozju jew jikkombinaw ir-riċerka ma' attività privata fuq bażi part-time.

### Investiment C6-I1: Preservazzjoni tal-impjiegi fir-RuĴ privata

Din il-miżura tappoġġa l-impjiegi fir-RuĴ billi ssaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-laboratorji pubbliċi tar-riċerka u n-negozji privati u billi tinċentiva lill-kumpaniji biex jimpjegaw gradwati żgħażagħ fir-riċerka jew ikollhom ir-riċerkaturi eżistenti involuti fi studji dottorali jew postdottorali. Dan il-programm tal-aħħar jippermetti lir-riċerkaturi jibnu l-ħiliet tagħhom u jtejbu l-impjegabbiltà.

Erba' f'orom speċifiċi ta' kollaborazzjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ:

- Kumpaniji li jallokaw persunal RuĴ għal perjodu ta' 12-24 xahar lil laboratorji pubbliċi ta' riċerka fil-kuntest ta' proġett komuni ta' riċerka, fejn ir-riċerkatur (i) kkonċernat (i) jqatta' mill-inqas 80 % ta' ħinhom fuq il-proġett.
- Kumpaniji li jippermettu lill-persunal tar-RuĴ jibdew studji dottorali matul il-karriera tagħhom, għal perjodu massimu ta' 36 xahar, fejn ir-riċerkatur (i) jiġu ingaġġati full-time fuq id-dottorat u jqattgħu mill-inqas 50 % tal-ħin tax-xogħol tagħhom f'laboratorju tar-riċerka.
- Gradwati żgħażagħ b'lawrija ta' masters impjegati minn istituzzjoni pubblika tar-riċerka, li huma assenjati lil kumpanija għal perjodu ta' bejn 12 u 24 xahar biex jaħdmu fuq proġett komuni ta' riċerka, fejn ir-riċerkatur (i) jaħdem/jaħdmu għal mill-inqas 80 % ta' żmienhom fil-kumpanija.
- Gradwati żgħażagħ ta' dottorat impjegati minn istituzzjoni pubblika tar-riċerka li jibdew post-dottorat industrijali għal perjodu ta' bejn 12 u 24 xahar, fejn ir-riċerkatur (i) jqattgħu mill-inqas 50 % tal-ħin tax-xogħol tagħhom fil-kumpanija.

Il-miżura għandha tkopri bejn 50 % u 80 % tas-salarju tar-riċerkaturi kkonċernati, skont it-tip ta' kollaborazzjoni, minbarra li tipprovdi sussidju fiss ta' EUR 15 000 għal kull riċerkatur fis-sena. L-appoġġ japplika għat-tul tal-proġetti ta' kollaborazzjoni, u jiġi rtirat wara dan. Il-miżura għandha tappoġġa total ta' 2 000 riċerkatur, bi proġetti eliġibbli biss għall-appoġġ jekk ikun hemm pjan għar-riċerkatur (i) ikkonċernat (i) biex jibqgħu jew jiġu impjegati bis-sħiħ fi tmiem il-perjodu ta' kollaborazzjoni.

## Investiment C6-I2: L-innovazzjoni għar-reżiljenza tal-mudelli tan-negozju tagħna

L-għan ta' din il-miżura huwa li tappoġġa l-investiment għall-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali ewlenin, taħt il-*“volet dirigé”* tar-raba' *“Programme d'Investissement d'Avenir”* (PIA4).

Huwa għandu jiffinanzja, b'mod aktar speċifiku, proġetti li jaqgħu taħt is-sitt *“strateġiji ta' aċċelerazzjoni”* deskritti hawn taħt:

- **Strateġija għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-kwantum:** Fil-qasam tal-kalkolu, l-għan huwa li jkun hemm prototip komplut ta' *quantum* computer ġenerali tal-ewwel ġenerazzjoni sal-2024. Għandha l-għan ukoll tal-**ħakma ta' teknoloġiji *quantum* (inklużi l-aċċeleraturi, is-simulaturi u l-kompjuters *quantum*, software tan-negozju għall-*quantum* computing, sensuri, sistemi ta' komunikazzjoni), bil-għan li tirdoppja l-grupp Franċiż ta' speċjalisti billi tħarreġ 6600 tabib, masters, inġiniera u tekniċi, u li tiżgura l-awtosuffiċjenza ta' Franza fil-provvista tagħha ta' riżorsi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji *quantum*. L-istrateġija għandha l-għan ukoll ta' ħakma tal-kapaċità industrijali kritika fit-teknoloġiji tal-*quantum*, b'mod partikolari billi tinvesti fil-krijoġenika u l-lasers għat-teknoloġiji tal-*quantum*. Għandha l-għan ukoll li jkollha katina ta' produzzjoni industrijali kompluta għal Silicon 28, b'mod partikolari biex tippermetti l-produzzjoni possibbli ta' qubit.**
- **Strateġija għaċ-ċibersigurtà:** L-għan tal-istrateġija huwa li taċċellera l-innovazzjoni biex Franza tkun fuq quddiem nett fit-teknoloġiji ewlenin f'applikazzjonijiet kritiċi (bħall-industrija, is-saħħa u l-mobilità) u biex issaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà fl-industrija u s-soċjetà. L-oġġettivi huma li s-settur ikun jista' jżid il-fatturat tiegħu, jirdoppja l-għadd ta' impjiegi fis-settur u jgħin biex jinħolqu kumpaniji ewlenin fid-dinja fis-settur.
- **L-edukazzjoni u l-istrateġija diġitali:** L-istrateġija tkopri t-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni, mill-kindergarten sal-università, bl-oġġettivi li tiġi indirizzata l-effiċjenza tas-sistema edukattiva, li jingħata appoġġ lill-EdTech<sup>25</sup> u li tiġi appoġġata t-tmexxija ta' Franza f'dan is-settur. Din għandha l-għan li tħarreġ lill-għalliema fi Prattiki pedagoġiċi innovattivi u li tappoġġa lill-kumpaniji eżistenti fil-għir ta' fondi.
- **Strateġija għall-industriji kulturali u kreattivi:** L-istrateġija għandha l-għan li tiżviluppa l-produzzjoni tal-kontenut diġitali. L-investimenti għandhom jappoġġaw l-innovazzjoni teknoloġika, il-ħolqien u t-tixrid diġitali tas-settur. L-oġġettivi huma li jiġi rduppjat il-pass attwali tat-tranżizzjoni mill-SMEs għall-ETI għall-intrapriżi kulturali, li jizjed il-fatturat mill-esportazzjoni u li jiġu skjerati ċentri kulturali sal-2025 għall-irrigazzjoni tat-territorji pilota.
- **Strateġija għall-5G u t-teknoloġija futura tat-telekomunikazzjonijiet:** L-għan ta' din l-istrateġija huwa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet madwar in-networks tat-telekomunikazzjoni u li jinkiseb kontroll minn tarf sa tarf ta' dawn is-soluzzjonijiet permezz ta' appoġġ għall-provvista, RuŻ u taħriġ, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żviluppat l-użu tal-5G għall-benefiċċju tar-reġjuni u l-industrija. L-istrateġija tal-5G għandha l-għan li tiżviluppa l-użi tal-5G f'setturi industrijali avvanzati, u tappoġġa l-użu ta' reġjuni intelliġenti. Għandha wkoll l-għan li tinvesti fir-RuŻ lil hinn mill-5G u l-6G (teknoloġiji futuri tan-network, konnettività eteroġenja tal-oġġetti konnessi, l-effiċjenza enerġetika tan-networks, eċċ.). Għandha l-għan ukoll li twieġeb għall-ħtijiet tal-ħiliet dwar it-tfassil u l-introduzzjoni ta' networks futuri.
- **Strateġija ta' Aċċelerazzjoni tal-Cloud:** L-istrateġija għandha l-għan li toħloq soluzzjonijiet cloud kompetittivi fis-segmenti teknoloġiċi (infrastruttura, pjattaformi u

---

<sup>25</sup>L-EdTech — normalment imsejja EdTech għal “teknoloġija edukattiva” — tiġbor flimkien ir-riżorsi teknoloġiċi u s-soluzzjonijiet diġitali għall-għarfien, għat-trażmissjoni, it-tagħlim u l-applikazzjoni.

software), bil-ħsieb li tappoġġa lil Franza u lill-Ewropa fuq quddiem nett f'din it-teknoloġija ewlenija, anke permezz tal-implimentazzjoni tal-Proġett Importanti ta' Interess Komuni għall-Infrastruttura u s-Servizz tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss, li għalih Franza hija kokoordinatriċi. L-impatti mistennija huma l-iżvilupp ta' provvista ta' cloud ta' fiduċja mmirata lejn it-tnaqqis tal-marka tal-karbonju u l-kostruzzjoni ta' ekonomija mmexxija mid-data.

Ladarba jiġu mnedija l-istrategji, għandhom imbagħad jitnedew sejħiet għal espressjoni ta' interess u sejħiet għal proposti, imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull strateġija. Il-proġetti (li ġeneralment jitwettqu minn kumpaniji jew entitajiet ta' rikerka) għandhom imbagħad jintgħażlu permezz ta' proċeduri kompetittivi. L-appropriazzjonijiet għandhom jiġu impenjati hekk kif jitnedew is-sejħiet għall-proġetti u jintgħażlu l-proġetti.

It-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jinkludu bħala kriterju ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal-applikazzjonijiet tas-soluzzjoni ffinanzjata, b'mod li jiżgura li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan għandu jikkumplimenta l-fatt li, kull meta jkun applikabbli, il-kriterji ambjentali huma parti mill-kriterji tal-għażla għall-proġetti, u li l-operaturi huma meħtieġa jipproduċu analiżi kritika tal-proposti tagħhom ibbażata fuq għarfien espert intern u estern; li t-tranżizzjoni ekoloġika hija elenkata bil-liġi bħala wieħed mill-obiettivi tal-PIA, u li l-korpi governattivi tal-PIA għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' dawn l-obiettivi, li hija mmonitorjata permezz ta' indikatur iddedikat. Dan għandu jwassal għall-esklużjoni ta' (i) attivitajiet relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream<sup>26</sup>; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjali rilevanti<sup>27</sup>; (iii) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi<sup>28</sup> u impjanti tat-ttrattament mekkaniku u bijoloġiku<sup>29</sup>; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

### Investiment C6-I3: Appoġġ għal negozji innovattivi

L-għan ta' din il-miżura huwa li tiffinanzja l-investment RuŻ għal kumpaniji innovattivi, taħt il-*"volet structurel"* tar-raba' *"Programme d'Investissement d'Avenir"* (PIA4). Hija timmira lejn

---

<sup>26</sup>Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

<sup>27</sup>Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjali rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjali stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>28</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-ttrattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>29</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

intrapriżi innovattivi li, individwalment jew permezz ta' programmi kollaborattivi, jeħtieġu aċċess għal finanzjament biex ikopru r-riskju inerenti għall-proġetti RuŻ. Huwa jinkludi:

- **Għajnuna għall-innovazzjoni ta' Bpifrance:** din l-għajnuna għandha tkun immirata lejn SMEs u negozji ġodda (inklużi negozji ġodda b'teknoloġija intensiva, magħrufa bħala *teknoloġija profonda*) biex ikunu jistgħu jiffinanzjaw studji ta' fattibbiltà, riċerka industrijali u/jew żvilupp sperimentali, bil-ħsieb li jiġu żviluppatti prodotti, proċessi jew servizzi innovattivi b'opportunitajiet konkreti għall-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.
- **Kompetizzjonijiet għall-innovazzjoni għan-negozji ġodda u l-SMEs: din l-għajnuna għandha** takkumpanja l-ħolqien u t-tkabbir ta' kumpaniji ta' teknoloġija innovattiva, permezz ta' għajnuna biex tiggwida lir-riċerkaturi żgħażaġħ lejn il-ħolqien ta' negozju, biex jikkapitalizzaw fuq ir-riżultati tar-riċerka pubblika, u finalment biex jiffinanzjaw proġetti ta' innovazzjoni ta' negozji ġodda u SMEs b'potenzjal għoli. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet għall-innovazzjoni ġejjin minn għadd ta' setturi: diġitali, saħħa, trasport u mobilità sostenibbli, enerġija rinnovabbli, eċċ.
- **Appoġġ għall-proġetti strutturati RuŻ:** Din l-għajnuna għandha takkumpanja proġetti kollaborattivi li jinvolvu kumpaniji kbar b'SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja ("ETI"<sup>30</sup>), b'inceniv biex jaħdmu ma' laboratorji ta' riċerka dwar proġetti li jirriżultaw mill-*"Comités stratégiques de filière"*. Dawn il-proġetti jlaqqgħu flimkien konsorzju ta' mill-inqas żewġ kumpaniji, bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji u jitrawwem it-trasferiment tal-għarfien, u li jissaħħu l-profondità u l-intensità teknoloġika ta' prodotti jew servizzi innovattivi ġodda.

It-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jinkludu bħala kriterju ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal-applikazzjonijiet tas-soluzzjoni ffinanzjata, b'mod li jiżgura li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" tar-Regolament (UE) 2021/241. Dan għandu jikkumplimenta l-fatt li, kull meta jkun applikabbli, il-kriterji ambjentali huma parti mill-kriterji tal-għażla għall-proġetti, u li l-operaturi huma meħtieġa jipproduċu analiżi kritika tal-proposti tagħhom ibbażata fuq għarfien espert intern u estern; li t-tranżizzjoni ekoloġika hija elenkata bil-liġi bħala wieħed mill-obbjettivi tal-PIA, u li l-korpi governattivi tal-PIA għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' dawn l-obbjettivi, li hija mmonitorjata permezz ta' indikatur iddedikat. Dan għandu jwassal għall-esklużjoni ta' (i) attivitajiet relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream<sup>31</sup>; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumieq inqas mill-parametri referenzjali rilevanti<sup>32</sup>; (iii) attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi<sup>33</sup> u

<sup>30</sup> Ara pereż. <https://www.insee.fr/fr/metadonnees/definition/c2034>.

<sup>31</sup> Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

<sup>32</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra pproġettati li mhumieq ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjali rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiew possibbli. Il-parametri referenzjali stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>33</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku<sup>34</sup>; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent.

## Investiment C6-I4: Spazju

Il-miżura tappoġġa tliet azzjonijiet distinti:

- Kontribuzzjoni *ad hoc* lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) għal ammont ta' EUR 165 000 000 biex twieġeb għal sejħiet għal finanzjament immedija mill-ESA għall-finanzjament ta' programmi spazjali, bħall-missjonijiet xjentifiċi, l-iżvilupp ta' programmi satellitari jew il-finanzjament tal-Programm Ariane 6, sistema ta' llanċjar ta' rokits ġestita mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Dawn il-programmi huma bbażati fuq kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri ("programm fakultattiv"). L-aċċess awtonomu għall-ispazju huwa kruċjali biex jippermetti l-missjonijiet Ewropej tax-xjenza u l-esplorazzjoni, kif ukoll it-tweġiq ta' programmi spazjali tal-UE bħal Galileo u Copernicus.
- Ruġ proġetti bil-modi li ġejjin: (i) l-akkwist pubbliku tar-riċerka f'teknoloġiji strateġiċi definiti miċ-Ċentru Nazzjonali għall-Istudji Spazjali (CNES) b'applikazzjonijiet kemm ċivili kif ukoll doppji; (ii); jitlob li jsiru proġetti f'oqsma rilevanti għas-settur spazjali bħall-komunikazzjoni ottika, is-sistemi flessibbli tat-telekomunikazzjoni, u t-terminals tat-telekomunikazzjoni bis-satellita; (iii) sejħa għal proġetti biex jappoġġaw teknoloġiji ewlenin fil-qasam tan-nanosatelliti; (iv) kompetizzjoni nazzjonali għal applikazzjonijiet spazjali ("Space Tour 2021") li ntużat biex jintgħażlu proġetti Ruġ għal applikazzjonijiet spazjali innovattivi u promettenti mmexxija minn negozji ġodda jew SMEs.
- Proġetti f'Vernon, is-sit fejn l-ESA se jwettaq l-ewwel testijiet biex jiżviluppa "Prometheus", magna rokit li tista' terġa' tintuża u bi prezz baxx. Il-miżura tappoġġa l-modernizzazzjoni tal-faċilità tal-ittestjar tal-magni rokit f'Vernon u l-ħolqien ta' park ta' 10 ettaru ta' pannelli solari, li għandu jiġġenera l-ammont ta' elettriku meħtieġ biex jiġu prodotti l-ammonti ta' idroġenu meħtieġa tas-sit permezz tal-elettroliżi. Fl-aħħar nett, din il-miżura tappoġġa proġett li permezz tiegħu l-idroġenu prodott fis-sit bħala prodott sekondarju tal-proċessi industrijali ("hydrogène fatal") jiġi rkuprat f'ċellola tal-fjuwil.

## **F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura**

---

<sup>34</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Numru sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
6-1	C6.R1 Ligì dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka	Mira	Loi n° 2020-1674 du 24 décembre 2020 – dħul fis-seħħ tad-digrieti		Proporzjon tad-digrieti	0 %	60 %	Q4	2023	Mill-inqas 60 % tad-digrieti daħlu fis-seħħ.
6-2	C6.R1 Ligì dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka	Mira	Loi n° 2020-1674 du 24 décembre 2020 — reklutaġġi fil-binarju tal-kariga		Persuna	0	100	Q4	2022	L-għadd ta' reklutaġġi fuq il-binarji tal-pussess (kumulattiv 2021–2022).
6-3	C6.R1 Ligì dwar l-Ipprogrammar tar-Riċerka	Mira	Loi n° 2020-1674 du 24 décembre 2020- żieda fil-finanzjament tar-riċerka pubblika		Ammont	EUR 12,9 biljun	EUR 14,7 biljun	Q3	2025	Żieda fil-finanzjament tar-riċerka pubblika meta mqabbel mal-2020 kif evidenzjat fir-rapport mid-DGRI.
6-4	C6.I1 Il-preservazzjoni tal-impjegji RuŻ	Mira	Numru ta' persunal RuŻ li jibbenefika mill-miżura		Persuna	0	2000	Q4	2022	Għadd totali ta' persunal tar-RuŻ li jibbenefikaw mill-erba' azzjonijiet biex jappoġġaw l-impjegji fir-RuŻ.
6-5	C6.I2 PIA — Teknoloġiji diġitali ewlenin	Mira	Għadd ta' strateġiji vvalidati		Għadd	0	6	Q4	2021	Is-sitt strateġiji kollha (it-teknoloġiji <i>quantum</i> , iċ-ċibersigurtà, l-edukazzjoni diġitali, l-industriji kulturali u kreattivi, il-5G, il-cloud) ġew ivalidati u ppubblikati fuq is-sit web “Secrétariat Général pour l'Investissement” (SGPI).
6-6	C6.I2 PIA — Teknoloġiji diġitali	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal propostijew interess	Pubblikazzjoni fuq is-sit web “Secrétariat Général pour l'Investissement				Q4	2023	Is-sejħiet għal propostijew interessi kollha b'din il-miżura għall-istrateġiji adottati taħt il-mira 6-5 immedija, b'termini ta' referenza inkluż bħala kriterju ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal-applikazzjonijiet tas-

	ewlenin			” (SGPI)						soluzzjoni ffinanzjata.
6-7	C6.I2 PIA — Teknoloġiji diġitali ewlenin	Stadju importanti	Għoti ta’ kuntratti — deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Prim Ministru	Rapport mis- “Secrétariat Général pour l’Investissement ” (SGPI)				Q4	2024	Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Prim Ministru wara l-għeluq tas-sejħiet għal proposti/sejħiet għal interess immedija skont l- istadju 6-6; jippermettu l-iffirmar ta’ kuntrattwalizzazzjoni mal-benefiċjarji permezz ta’ ftehimiet ta’ għotja jew kuntratti oħra għall- għoti ta’ fondi.
6-8	C6.I3 PIA - negozji innovattivi	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proposti jew interess	Pubblikazzjoni fuq is-sit web “Secrétariat Général pour l’Investissement ” (SGPI)				Q4	2022	Is-sejħiet għal proposti jew interessi kollha taħt din il-miżura mmedija għall-istrateġiji ta’ għajnuna għall-innovazzjoni ta’ Bpi France, kompetizzjonijiet ta’ innovazzjoni għal negozji ġodda u SMEs, u proġetti RuŻ, b’termini ta’ referenza inkluż bħala kriterju ta’ eliġibbiltà biex tiġi żgurata n-newtralità ambjentali tal- applikazzjonijiet tas-soluzzjoni ffinanzjata.
6-9	C6.I3 PIA - negozji innovattivi	Stadju importanti	Għoti ta’ kuntratti - deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Prim Ministru	Rapport mis- “Secrétariat Général pour l’Investissement ” (SGPI)				Q4	2024	Deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Prim Ministru wara l-għeluq tas-sejħiet għal proposti/sejħiet għal interess immedija skont l- istadju 6-8; tiġi ffirmata l-kuntrattwalizzazzjoni mal-benefiċjarji permezz tal-għoti tal-għajnuna.
6-10	C6.I4 Spazju	Mira	Għoti ta’ kuntratti lill-benefiċjarji		Ammonti (miljuni)	0	200	Q1	2022	EUR 200 000 000 ikkuntrattati ma’ benefiċjarji ta’ (i) sejħiet għal proġetti f’oqsma rilevanti għas-settur spazjali u l-kompetizzjoni nazzjonali għall-applikazzjonijiet spazjali (“Tour Spazjali 2021”); u (ii) proġetti f’Vernon (irkupru tal- idrogeno, park ta’ pannelli solari, modernizzazzjoni tal-faċilità tal-ittestjar tal- magni rokit).
6-11	C6.I4 Spazju	Mira	Għadd ta’ benefiċjarji		Għadd	0	80	Q1	2022	Għadd ta’ benefiċjarji ta’ sejħiet għal proġetti f’oqsma rilevanti għas-settur spazjali u l- kompetizzjoni nazzjonali għall-applikazzjonijiet spazjali (“Tour Spazjali 2021”).
6-12	C6.I4 Spazju	Stadju i m	Investimenti f’Ariane 6	Segwitu tal- progress tal- Aġenzija				Q4	2024	It-twertiq tal-Programm Ariane 6

		p or ta nt i	Spazjali Ewropea miċ- Ċentru Nazjonali għall-Istudji Spazjali (CNES)							
--	--	--------------------------	---	--	--	--	--	--	--	--



## **G. KOMPONENT 7: Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura**

Dan il-komponent tal-pjan Franċiż għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonċerna l-investimenti u r-riformi fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-SMEs, l-appoġġ għas-settur kulturali u r-riformi fil-qasam tas-simplifikazzjoni amministrattiva u l-finanzi pubbliċi.

Id-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari tan-negozji, hija essenzjali biex tizzied il-produttività fi Franza, kif enfasizzat mill-Bord Nazzjonali tal-Produttività.

Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat għandha l-għan li mhux biss iżżid il-prestazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika permezz ta' aġġornamenti teknoloġiċi, iżda għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi għal aktar inklużività, f'komplementarjetà mar-riformi tal-komponent immirat lejn is-simplifikazzjoni u d-deċentralizzazzjoni (il-liġi 4D).

Il-miżuri ta' appoġġ għas-setturi kulturali għandhom l-għan li jirkupraw settur milqut ħażin ħafna permezz ta' investimenti mmirati fir-rinnovazzjoni, il-wirt, l-impjiegi fil-qasam tal-arti u l-modernizzazzjoni tat-taħriġ, iċ-ċinema, l-istampa u s-setturi tal-kotba, b'enfasi fuq it-tranżizzjoni klimatika u ż-żgħażaġh.

Fl-aħħar nett, iż-żewġ riformi tal-finanzi pubbliċi jikkontribwixxu biex iwieġbu r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2019.1.2 u 2020.1.1 dwar il-ġestjoni tad-dejn pubbliku u n-nefqa, speċjalment billi jwittu t-triq sostenibbli għall-finanzi pubbliċi fit-tul wara l-kriżi tal-COVID.

L-investimenti fid-diġitalizzazzjoni jikkontribwixxu għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi relatati mal-infrastruttura diġitali 2019.3.3 u 2020.3.4 u 3.7. Ir-riformi ta' simplifikazzjoni jindirizzaw partijiet mill-ambjent tan-negozju tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2020.4.1 u 4.2. L-investimenti fil-kultura jikkontribwixxu għall-antiċipazzjoni tal-investment pubbliku b'xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-patrimonju (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.3.2) u biex jittaffa l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi (CSR 2020.2.1). Fl-aħħar nett ir-riformi tal-finanzi pubbliċi jindirizzaw partijiet mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 2019.1.3 (iffrankar u effiċjenza fin-nefqa), u 2020.1.1 (politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-obiettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju li ma jthallasx lura**

Riforma 1 (C7.R1): Il-liġi dwar id-differenzjazzjoni, id-deċentralizzazzjoni, id-dekonċentrazzjoni u dwar diversi miżuri biex tiġi ssimplifikata l-azzjoni pubblika lokali (4D)

Il-miżura għandha tagħmel is-servizz pubbliku lokali aktar effiċjenti u adattabbli, skont l-ispeċifitàjiet lokali.

Il-liġi dwar id-“Differenzjazzjoni, id-deċentralizzazzjoni, id-dekonċentrazzjoni u d-dekumplessità” (l-abbozz 4D) għandha tipprevedi għadd ta' dispożizzjonijiet fl-oqsma tad-djar, it-trasport, it-tranżizzjoni ekoloġika, is-saħħa u s-solidarjetà. Hija għandha ssegwi erba' obiettivi: (1) id-

deċentralizzazzjoni: li l-azzjoni pubblika ssir aktar komprensibbli u effiċjenti, billi jitlesta t-trasferiment ta' ċerti blokk ta' kompetenzi lill-awtoritajiet lokali; (2) il-promozzjoni tad-differenzjazzjoni: li jiġi żgurat li kull territorju jkun jista' jipprovdi tweġibiet għall-ispeċifitàjiet tiegħu, bl-użu ta' għodod u riżorsi xierqa; (3) issaħħaħ id-dekonċentrazzjoni: li jqarreb lill-Istat lejn il-qasam u jadatta aħjar it-teħid tad-deċiżjonijiet għar-realtajiet lokali; (4) dekomplittazzjoni: biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-oġġettivi preċedenti.

Evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ħadmu biex jiffaċilitaw l-azzjoni pubblika, skont l-erba' prinċipji previsti mil-liġi (deċentralizzazzjoni, differenzjazzjoni, dekonċentrazzjoni u dekomplittazzjoni) għandha ssir sat-30 ta' Ġunju 2025.

### Riforma 2 (C7.R2): Liġi organika dwar is-simplifikazzjoni tal-esperimenti mwettqa fuq il-bażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 72 tal-Kostituzzjoni

Il-miżura għandha tinkludi d-dritt għad-differenzjazzjoni billi tagħti lill-awtoritajiet lokali l-possibbiltà li japplikaw, l-ewwel f'qafas sperimentali u mbagħad, taħt ċerti kondizzjonijiet, b'mod dejjiemi, regoli relatati mal-eżerċizzju tas-setgħat differenti tagħhom biex jieħdu kont tal-ispeċifitàjiet tagħhom.

Il-liġi organika għandha tipprevedi li l-awtoritajiet lokali jistgħu jiddeċiedu permezz ta' deliberazzjoni sempliċi li jipparteċipaw f'esperiment mingħajr ma jkollhom għalfejn ikunu awtorizzati jagħmlu dan permezz ta' digriet. Hija għandha tirrazzjonalizza l-proċeduri li jirregolaw id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet li jieħdu fil-kuntest tal-esperimenti kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-kontroll tal-legalità ta' dawn id-deċiżjonijiet. Il-miżuri sperimentali jistgħu jinżammu fl-awtoritajiet lokali kollha jew f'parti minnhom li pparteċipaw fl-esperiment u estiżi għal oħrajn. L-istandards li jirregolaw l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni lokali li kienu s-suġġett tal-esperiment jistgħu jiġu modifikati fi tmiem l-esperiment.

Sat-30 ta' Ġunju 2025, għandha ssir evalwazzjoni tal-ewwel esperimenti mwettqa fuq il-bażi tal-indikaturi li ġejjin. L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra mill-inqas il-fatturi li ġejjin: l-għadd ta' komunitajiet li jipparteċipaw f'kull esperiment, l-għadd ta' jiem meħtieġa biex tinkiseb il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tad-deliberazzjonijiet li bihom il-komunitajiet jipparteċipaw fl-esperimenti, il-limitu ta' żmien għad-dħul fis-seħħ tal-atti derogatorji meħuda mill-komunitajiet li qed jesperimentaw għal kull esperiment.

### Riforma 3 (C7.R3): Trasformazzjoni tas-servizz ċivili

It-trasformazzjoni tas-servizz pubbliku għandha l-għan li twieġeb għal diversi sfidi: li s-servizz pubbliku jsir aktar rappreżentattiv tas-soċjetà, li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni professjonali taż-żgħażaġh u l-persuni b'livell baxx ta' il-lit, l-innovazzjoni fl-organizzazzjonijiet tax-xogħol, il-valutazzjoni tal-mertu, il-kompetenza, l-impenn, il-garanzija tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-għieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni. Din il-politika hija bbażata fuq l-implimentazzjoni tal-liġi dwar it-trasformazzjoni tas-servizz pubbliku tas-6 ta' Awwissu 2019.

Il-miżura għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' żewġ pjanijiet ta' azzjoni.

Il-pjan ta' azzjoni għall-professjonalizzazzjoni tas-servizz pubbliku huwa bbażat fuq 8 miżuri: (1) l-iżvilupp ta' marka bejn l-Istat u min iħaddem, (2) l-organizzazzjoni tal-proċessi ta' reklutaġġ, (3) il-professjonalizzazzjoni u t-taħriġ tal-atturi, (4) it-titjib tal-integrazzjoni ta' parteċipanti ġodda, (5) ir-reviżjoni tas-sit web "Place de l'emploi public", (6) l-akkwist, (7) il-ħolqien ta' raggruppamenti ta' talent u (8) il-ġestjoni strateġika tar-reklutaġġi.

Il-pjan ta' azzjoni għal opportunitajiet indaqs huwa mfassal madwar tliet pilastri: (1) l-identifikazzjoni u l-appoġġ ta' talenti żgħażaġh madwar il-pajjiż lejn is-suċċess; (2) eżami kompetittiv ġdid għall-aċċess għas-servizz ċivili; (3) tiżviluppa karriera professjonali ħielsa mid-diskriminazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet previsti f'dawn iż-żewġ pjanijiet ta' azzjoni għandha ssir sal-31 ta' Marzu 2022.

#### Riforma 4 (C7.R4): Governanza tal-finanzi pubbliċi

